

32004R1683

30.9.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 303/1

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1683/2004****ta' l-24 ta' Settembru 2004****li jimponi dazju *anti-dumping* definittiv fuq importazzjonijiet ta' *glyphosate*  
li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet li huma oġġetti ta' *dumping* minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea<sup>1</sup> ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikoli 11(2) u 11(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta ppreżentata mill-Kummissjoni wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv,

---

<sup>1</sup> ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 461/2004 (ĠU L 77, 13.3.2004, p. 12).

Billi:

## A. PROCĊEDURA

### 1. Miżuri fis-seħħ

- (1) Fi Frar 1998 il-Kunsill, bir-Regolament (KE) Nru 368/98<sup>1</sup>, impona miżuri definittivi *anti-dumping* ("il-miżuri oriġinali") fil-forma ta' dazju ta' 24 % fuq importazzjonijiet ta' *glyphosate* li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("ir-RPĊ"). Dak ir-Regolament ġie emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1086/2000<sup>2</sup> li żied id-dazju għal 48 % wara investigazzjoni *anti-absorption* bis-saħħa ta' l-Artikolu 12 tar-Regolament bażiku. Sussegwentament, wara investigazzjoni *anti-circumvention* bis-saħħa ta' l-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 163/2002<sup>3</sup> estenda d-dazju ta' 48 % impost fuq l-importazzjonijiet ta' *glyphosate* li joriġinaw fir-RPĊ għal importazzjonijiet ta' *glyphosate* kunsinnati mill-Malasja u t-Tajwan (kemm jekk iddikjarati bħala li joriġinaw mill-Malasja jew it-Tajwan kif ukoll jekk le), bl-eċċezzjoni ta' daww prodotti minn kumpannija waħda msemmija f'kull wieħed minn dawn il-pajjiżi.

### 2. Bidu ta' investigazzjonijiet ta' reviżjoni ta' skadenza u ta' reviżjoni temporanja

- (2) Wara l-pubblikazzjoni ta' l-Avviż ta' skadenza imminenti tal-miżuri ta' *anti-dumping* applikabbli għall-importazzjonijiet ta' *glyphosate* li joriġinaw fir-RPĊ<sup>4</sup>, il-Kummissjoni rċeviet fit-18 ta' Novembru 2002, talba biex tirrevedi dawn il-miżuri skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

---

<sup>1</sup> ĠU L 47, 18.2.1998, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 124, 25.5.2000, p. 1.

<sup>3</sup> ĠU L 30, 31.1.2002, p. 1.

<sup>4</sup> ĠU Ċ 120, 23.5.2002, p. 3.

- (3) It-talba saret mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-*Glyphosate* (EGA) ("l-applikant") f'isem il-produtturi li jirrappreżentaw proporzjon maġġuri, f'dan il-każ aktar minn 90 %, mit-total tal-produzzjoni tal-Komunità ta' *glyphosate*.
- (4) It-talba ġiet ibbażata fuq ir-raġunijiet li l-iskadenza tal-miżuri x'aktarx kienet se tirriżulta fil-kontinwazzjoni jew ir-rikorrenza ta' *dumping* u ta' ħsara lill-industrija tal-Komunità. Barra minn dan, fuq il-bażi ta' l-evidenza misjuba fit-talba, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-livell tal-miżura ma kienx biżżejjed biex jikkumbatti l-prattiċi inġurjużi ta' *dumping*, li ġġustifikaw il-bidu *ex-officio* ta' reviżjoni temporanja sħiħa tal-miżuri li jkopru l-aspetti kollha tal-proċediment. Wara li stabbiliet, wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv, li kien hemm evidenza biżżejjed għall-bidu ta' reviżjoni ta' skadenza u interim skond l-Artikoli 11(2) u 11(3) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni ppubblikat Avviż ta' bidu ta' dawn ir-reviżjonijiet fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*<sup>1</sup>.

### 3. Partijiet milqutin bl-investigazzjonijiet

- (5) Il-Kummissjoni avżat uffiċjalment lill-awtoritajiet tar-RPĊ, lill-produtturi esportaturi Ċiniżi, lill-produtturi, lill-importaturi u lill-utenti fil-Komunità li kienu identifikati fit-talba bħala milqutin, kif ukoll lill-assoċjazzjonijiet tagħhom, bil-bidu ta' l-investigazzjonijiet. Il-partijiet interessati ngħataw opportunità biex jagħmlu l-opinjoni tagħhom magħrufa bil-miktub u biex jitolbu smiġħ xieraq fi żmien stabbilit fl-Avviż tal-bidu.

---

<sup>1</sup> ĠU C 36, 15.2.2003, p. 18.

- (6) Minħabba n-numru kbir apparenti ta' produttori esportaturi tal-prodott konċernat fir-RPĊ, magħruf mit-talba u mill-investigazzjoni ta' qabel, ġie maħsub li jsir l-użu tat-teknika ta' teħid ta' kampjuni għall-investigazzjoni ta' *dumping* fl-Avviż tal-bidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji fuq it-teħid tal-kampjuni lill-importaturi magħrufa mis-servizzi tal-Kummissjoni.
- (7) Madankollu, numru limitat biss ta' produttori esportaturi mir-RPĊ għamlu lilhom innifishom magħrufa u pprovdew, fl-iskadenzi preskritti, l-informazzjoni mitluba fl-Avviż tal-bidu. Madankollu, l-użu tal-kampjun ma kienx ikkunsidrat meħtieġ fir-rigward ta' produttori esportaturi fir-RPĊ. Barra minn dan, importatur wieħed biss irrapporta importazzjonijiet ta' *glyphosate* li joriġinaw fir-RPĊ. Għalhekk, l-użu tat-teknika ta' teħid ta' kampjuni kien ikkunsidrat meħtieġ għal dak li jirrigwarda l-importaturi.
- (8) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-partijiet magħrufa li jinsabu mħassba u rċeviet tweġibiet minn erba' produttori tal-Komunità u żewġ produttori esportaturi Ċiniżi. Importatur wieħed irrapporta importazzjonijiet li joriġinaw fir-RPĊ u sussegwentament ippreżenta tweġiba biex jimla kwestjonarju.
- (9) Numru ta' produttori esportaturi fir-RPĊ, erba' produttori u 13-il fornitur li jinsabu fil-Komunità kif ukoll assoċjazzjoni ta' distributuri u utenti, għamlu l-fehmiet tagħhom magħrufa bil-miktub. Il-partijiet kollha li talbu hekk fiż-żmien preskrit u wrew li kien hemm raġunijiet partikolari għaliex għandhom jinstemgħu ingħataw l-opportunità li jinstemgħu.

- (10) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li dehrilha li hija meħtieġa għad-determinazzjoni ta' jekk kienx hemm il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza ta' *dumping* inġurjuż u għall-valutazzjoni ta' l-interess tal-Komunità. Viżiti ta' verifika twettqu fil-bini tal-kumpanniji li ġejjin:

*Produtturi esportaturi fir-RPĊ:*

- Zhejiang Xinan Industrial Group Ltd, Xinanjiang, Jiande City, Zhejiang Province, ir-RPĊ;

*Produtturi fil-Komunità:*

- Cheminova Agro A/S, Lemvig, Denmark, (inkluż ukoll id-distributur relatat Headland Agrochemicals Ltd, Great Chesterford, Essex, ir-Renju Unit),
- Herbex Produtos Químicos, S.A., Sintra, il-Portugall,
- Monsanto Europe S.A., Brussels u Antwerp, il-Belġju, (inkluż ukoll id-distributur relatat Monsanto UK Ltd., Cambridge, ir-Renju Unit),
- Syngenta UK, Huddersfield, ir-Renju Unit (inklużi wkoll il-kumpanniji relatati: Stauffer Chemical BV, Seneffe, il-Belġju u Syngenta Supply AG, Basel, l-Isvizzera, id-distributur relatat Syngenta Crop Protection, Whittlesford, Cambridgeshire, ir-Renju Unit);

*Produttur fl-ekonomija tas-suq tat-tielet pajjiż:*

- Monsanto do Brasil, São Paulo, il-Brażil.

- (11) L-investigazzjoni fir-rigward tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza ta' *dumping* fl-investigazzjonijiet ta' reviżjoni kopriet il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2002 sal-31 ta' Diċembru 2002 ("l-IP"). L-eżami tax-xejriet fil-kuntest ta' l-analiżi tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza tal-ħsara kopriet il-perijodu minn Jannar 1999 sa l-aħħar tal-IP ("il-perijodu ta' l-analiżi").

#### **4. Trattament ta' ekonomija tas-suq (MET) u trattament individwali**

- (12) B'mod konformi ma' l-Artikolu 2(7)(b) tar-Regolament bażiku, żewġ kumpanniji Ċiniżi, Zhejiang Xinan Industrial Group Ltd ("Xinanchem") u Zhenjiang Jiagnan Chemical Factory ("Zhenjiang"), talbu MET u trattament individwali. Madankollu, instab li Zhenjiang ma kellha l-ebda esportazzjoni tal-prodott konċernat fil-Komunità matul l-IP. Għalhekk, it-talba għal MET u trattament individwali ta' Zhenjiang saret irrelevanti. Xinanchem intalbet timla formola għal talba tal-MET li tinkludi l-informazzjoni rilevanti kollha mitluba.
- (13) Minkejja li l-maġġoranza ta' l-ishma tal-kumpannija kienu proprjetà ta' persuni privati, minħabba t-tixrid wiesgħa ta' l-ishma mhux fil-proprjetà ta' l-Istat, flimkien mal-fatt li l-Istat kien bla dubju sid ta' l-akbar blokk ta' ishma, il-kumpannija nstabet li kienet taħt il-kontroll ta' l-Istat. Barra minn hekk, il-bord tad-diretturi fil-fatt inħatar mill-azzjonisti ta' l-Istat u l-maġġoranza tad-diretturi tal-bord kienu jew uffiċjali ta' l-Istat jew uffiċjali ta' intrapriżi proprjetà ta' l-Istat. Għalhekk, ġie stabbilit li l-kumpannija kienet taħt kontroll u influwenza sinifikanti mill-Istat.

- (14) Barra minn hekk, ġie stabbilit li l-gvern tar-RPĊ wera fada liċ-China Chamber of Commerce Metals, Minerals & Chemicals Importers and Exporters (CCCMC) bid-dritt li jiffirma kuntratti u jivverifika l-prezzijiet ta' l-esportazzjoni għall-ikklerjar tad-dwana. Din is-sistema inkludiet l-istabbiliment ta' prezz minimu għal esportazzjonijiet ta' *glyphosate* u ħalliet lis-CCCMC biex tagħmel veto fuq esportazzjonijiet li ma jirrispettawx dawn il-prezzijiet.
- (15) Konsegwentament, wara li l-Kumitat Konsultattiv ġie kkonsultat, ġie deċiż li l-MET ma jingħatax lil Xinanchem minħabba li l-kumpannija ma ssodisfatx il-kriterji kollha stabbiliti fl-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament bażiku.
- (16) Billi Xinanchem ma nġhatatx status ta' ekonomija tas-suq, il-kumpannija applikat għal trattament individwali, jiġifieri d-determinazzjoni ta' marġinu ta' *dumping* individwali skond il-prezzijiet ta' esportazzjoni individwali tagħha. Il-Kummissjoni vverifikat jekk din il-kumpannija gawdietx, kemm fil-fatt kif ukoll taħt il-liġi, mil-livell meħtieġ ta' indipendenza mill-Istat biex tistabbilixxi l-prezz tagħha ta' esportazzjoni.
- (17) F'dan ir-rigward, ġie stabbilit li Xinanchem kienet soġġetta għal kontroll sinifikanti mill-Istat fir-rigward ta' l-istabbiliment tal-prezzijiet ta' esportazzjonijiet tagħha tal-prodott konċernat kif imfisser fil-premessa 14 hawn fuq. Kien għalhekk konkluż li Xinanchem ma ssodisfatx ir-rekwiżiti meħtieġa għal trattament individwali kif stabbilit fl-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku.

## B. PRODOTT KONĊERNAT U PRODOTT SIMILI

### 1. Prodott konċernat

- (18) Il-prodott konċernat huwa *glyphosate* li joriġina fir-RPĊ ("il-prodott konċernat"), bħalissa kklassifikat taħt il-kodiċi NM ex 2931 00 95 (kodiċi TARIC 2931 00 95 \*81 u 2931 00 95 \*82) u ex 3808 30 27 (Kodiċi TARIC 3808 30 27 \*11 u 3808 30 27 \*19). Il-prodott konċernat huwa l-istess bħal fl-investigazzjoni li twassal għall-impożizzjoni tal-miżuri oriġinali ("l-investigazzjoni oriġinali").
- (19) Il-*glyphosate* huwa erbiċida mhux selettiva li tista' teżisti fi gradi differenti jew forom ta' konċentrazzjoni bil-komponenti prinċipali tagħha jkunu l-aċidu, il-melħ u prodott ifformulat. L-aċidu huwa l-forma bażika tal-kimika li tirriżulta mill-proċess ta' produzzjoni u li ssoltu jinsab bħala trab xott, b'kontenut ta' *glyphosate* ta' 95 %, jew bħala kejk imxarrab, b'kontenut ta' *glyphosate* ta' 84 %, bid-differenza tkun biss minħabba l-kontenut niedi li jifdal. Il-melħ huwa forma solubbli ta' *glyphosate* li jsir mill-aċidu. Huwa likwidu, li normalment jinkludi kontenut ta' 62 % melħ IPA<sup>1</sup> li huwa ekwivalenti għal kontenut ta' *glyphosate* ta' 43 %. *Glyphosate* fformulat huwa ġeneralment f'forma likwida li tikkonsisti f'taħlita ta' melħ ta' *glyphosate*, ilma u kimiċi oħra, bħal *surfactants* u addittivi li jagħmluha possibbli li l-erbiċida jiġi assorbit fil-pjanti u jtejjeb l-effettività. Il-forma tipika standard ta' *glyphosate* fformulat tinkludi 360 gramma/litru ta' *glyphosate*.

---

<sup>1</sup> Melħ ta' l-aċidu *glyphosate* u Isopropylamine.

- (20) Sabiex inaqqsu l-ispejjeż tat-trasport, l-importaturi normalment jixtru *glyphosate* f'forma konċentrata (normalment aċidu jew kejk imxarrab, imma melħ ukoll) u jkomplu jipproċessawh (jifformulawh) billi jżidu l-ilma u kimiċi oħra sabiex jakkwistaw *glyphosate* f'formulat, li huwa l-uniku forma li tista' tintuża bħala prodott aħħari, jiġifieri bħala erbiċida mhux selettiva. Minħabba dan, l-importaturi u l-formulaturi ġew ittrattati bħala grupp wieħed ("importaturi/formulaturi") għall-iskopijiet ta' l-investigazzjoni.

## 2. Prodott simili

- (21) Il-*glyphosate* prodott u mibjugħ fil-Komunità mill-produtturi tal-Komunità li jkunu qed jitolbu reviżjoni ta' skadenza u l-*glyphosate* prodott fir-RPĊ u mibjugħ fil-Komunità mill-produtturi esportaturi Ċiniżi għandu l-istess karatteristiċi fiżiċi, tekniċi u kimiċi bażiċi kif ukoll l-istess użu u huma għalhekk ikkunsidrati bħala prodotti simili, skond it-tifsira ta' l-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku. Kien ukoll stabbilit li *glyphosate* prodott u mibjugħ domestikament fil-pajjiż terz ta' l-ekonomija tas-suq ("il-pajjiż analogu"), jiġifieri l-Brażil, kellu l-istess karatteristiċi fiżiċi, tekniċi u kimiċi bażiċi kif ukoll l-istess użu bħall-*glyphosate* prodott fir-RPĊ u esportat lejn il-Komunità. Għalhekk, intqiesu li huma prodotti simili skond it-tifsira ta' l-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

**C. PROBABBILTÀ TA' KONTINWAZZJONI JEW RIKORRENZA TA' DUMPING**

- (22) Żewġ kumpanniji Ċiniżi kooperaw fl-investigazzjonijiet. Madankollu, wieħed minnhom biss (Xinanchem) kellu esportazzjonijiet tal-prodott konċernat lejn il-Komunità matul l-IP (minn issa 'l quddiem il-produttur Ċiniż esportatur). Konsegwentament, il-kooperazzjoni tal-kumpannija l-oħra (Zhenjiang) kienet limitata għall-investigazzjoni ta' reviżjoni ta' skadenza. Il-kwantità totali ta' *glyphosate* li joriġina fir-RPĊ importata matul l-IP hija inqas minn 50 % tal-kwantità importata matul il-perijodu ta' l-investigazzjoni ta' l-investigazzjoni oriġinali (12-il xahar sa l-aħħar ta' Awwissu 1995). Billi l-konsum kien qed jiżdied, is-sehem tas-suq ta' l-importazzjonijiet tal-prodott konċernat li joriġina fir-RPĊ naqas aktar b'mod sinifikanti matul l-istess perijodu. Minn 11 % matul il-perijodu ta' l-investigazzjoni oriġinali, huwa naqas għal inqas minn 3 % fil-bidu tal-perijodu ta' l-analiżi u għal inqas minn 2 % fl-2001, imma sussegwentament żdied matul l-IP filwaqt li baqa' inqas minn 2 %.

**1. Pajjiż analogu**

- (23) Billi r-RPĊ hija meqjusa bħala ekonomija fi tranżizzjoni, il-Kummissjoni kellha tistabbilixxi f'dan il-każ il-valur normali skond id-data akkwistata minn produtturi f'pajjiż terz ta' ekonomija tas-suq, skond l-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku.
- (24) Għal dan l-iskop, il-Kummissjoni ssuġġeriet lill-Brażil fl-Avviż tal-bidu li kien ukoll il-pajjiż analogu wżat fl-investigazzjoni li wasslet għall-impożizzjoni tal-miżuri.
- (25) Il-partijiet kollha interessati ngħataw l-opportunità biex jikkumentaw dwar l-għażla tal-pajjiż analogu ppjanata.

- (26) Il-produttur Ċiniż esportatur argumenta li għandu jintuża pajjiż b'livell aktar xieraq ta' żvilupp ekonomiku mir-RPĊ u li pajjiż analogu li jinsab fl-Asja joffri punt ta' paragun aħjar. Għandu jiġi nnutat li l-istess livell ta' żvilupp ekonomiku m'huwiex, fil-fatt, rilevanti għall-iskop li jiġi stabbilit il-valur normali. Għalkemm ma saret l-ebda proposta ssostanzjata għal pajjiż analogu minbarra għall-Brażil, il-Kummissjoni s'target minn produtturi Tajwaniżi u Malasjani magħrufa tal-prodott konċernat, fuq kemm huma lesti jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa. Madankollu, dawn il-produtturi fit-Tajwan u l-Malasja qalu li dawn iż-żewġt iswieq kienu influwenzati bis-sħiħ minn importazzjonijiet bi prezz baxx ta' *glyphosate* li joriġina fir-RPĊ u li l-prezzijiet f'dawn il-pajjiżi ma kinux rappreżentattivi. Produttur wieħed fit-Tajwan ikkunsidra li pajjiżi oħrajn, bħall-Brażil, kienu aktar adattati għal dan l-iskop. B'konsegwenza t'hekk ma kien hemm ebda kooperazzjoni ulterjuri ma' dawn il-produtturi.
- (27) Il-produttur Ċiniż esportatur fir-RPĊ ippreżenta wkoll li l-informazzjoni dwar il-Brażil tingħata minn kumpannija relatata affiljata ta' membru ta' l-applikant u li l-Kummissjoni x'aktarx għandha tuża informazzjoni indipendenti u verifikabbli kif suppost għall-iskop li tistabbilixxi valur normali. Madankollu, ġie meqjus li l-fatt li kumpannija waħda fil-pajjiż analogu propost hija kumpannija relatata ta' membru ta' l-applikant, dan ma kienx iżomm l-informazzjoni akkwistata milli tkun affidabbli u verifikabbli. Ingħatat attenzjoni speċjali għall-ħtieġa li jiġi eliminat kull effett possibbli tar-relazzjoni li tistabbilixxi l-valur normali.

- (28) Billi l-Brażil kien ikkunsidrat għażla raġonevoli, fejn il-produtturi kienu lesti li jikkoooperaw u li jużaw proċess ta' produzzjoni komparabbli, u partikolarment meta wieċed iqis li l-Brażil kien il-pajjiż analogu wżat fl-investigazzjoni li wasslet għall-impożizzjoni tal-miżuri, il-Brażil intgħażel bħala l-pajjiż analogu. Il-Kummissjoni rsistiet biex takkwista l-informazzjoni meħtieġa miż-żewġ produtturi magħrufa fil-pajjiż, jiġifieri Monsanto do Brasil ("Mobras") u Nortox. Fl-aħħar mill-aħħar, il-Kummissjoni rnexxielha takkwista informazzjoni biss mingħand Mobras, li hija kumpannija relatata ma' membru ta' l-applikant. Ġie stabbilit li l-bejgħ domestiku ta' din il-kumpannija kien rappreżentattiv fir-rigward tal-volum tal-prodott konċernat mibjugħ mill-produttur Ċiniż esportatur lejn il-Komunità.

## 2. Valur normali

- (29) Il-valur normali ġie kkalkulat għall-forom kollha ta' *glyphosate* prodott u mibjugħ fil-Brażil, jiġifieri aċidu *glyphosate* u formulazzjonijiet differenti bbażati fuq il-konċentrazzjoni tagħhom.
- (30) Ġie stabbilit li t-tipi ta' prodotti mibjugħin fis-suq domestiku tal-Brażil ma kinux komparabbli mat-tipi ta' prodotti mibjugħin mill-produttur esportatur imsemmi lejn il-Komunità. Għalhekk, skond l-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku, il-valur normali kien mibni abbażi ta' l-ispejjeż tal-produzzjoni flimkien ma' ammont raġonevoli għall-ispejjeż tal-bejgħ, spejjeż ġenerali u amministrattivi (SG&A) u għall-profitt. L-ispejjeż u l-profitt SG&A kienu stabbiliti skond il-bejgħ domestiku ta' Mobras tal-prodott simili. F'dan ir-rigward huwa nnutat li Mobras xtrat il-parti l-kbira tal-materja prima tagħha għall-produzzjoni ta' *glyphosate* minn kumpannija relatata fil-Brażil. Il-livell tal-profitt tal-kumpannija relatata kien aġġustat għal livell aktar baxx, meta ġiet stabbilita l-ispiża ta' l-akkwist tal-materja prima wżata fil-kalkulazzjoni ta' l-ispejjeż tal-produzzjoni.

- (31) L-ammonti għal SG&A u għall-profitti kienu ibbażati fuq id-*data* attwali li għandha x'taqsam mal-bejgħ, fin-negozju normali, ta' *glyphosate*, minn Mobras.

### 3. Prezz ta' l-esportazzjoni

- (32) Il-bejgħ kollu għall-esportazzjoni tal-produttur Ċiniż esportatur lejn il-Komunità sar direttament lil klijenti indipendenti fil-Komunità u l-prezz ta' l-esportazzjoni kien stabbilit skond l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku skond il-prezzijiet imħallsa jew pagabbli.
- (33) Il-paragun tad-*data* fir-rigward ta' l-esportazzjonijiet lejn il-Komunità mogħtija mill-produttur Ċiniż esportatur u l-volum totali ta' l-importazzjonijiet li joriġinaw fir-RPĊ kif stabbilit fil-premessa (58) hawn isfel, indika li l-livell ta' kooperazzjoni kien wieħed baxx, billi dawn l-esportazzjonijiet irrappreżentaw inqas minn 26 % ta' l-importazzjonijiet totali tal-Komunità mir-RPĊ matul l-IP.

### 4. Paragun

- (34) Għall-finijiet li jsir paragun ġust bejn il-valur normali u l-prezz ta' l-esportazzjoni, saret konċessjoni dovuta fil-forma ta' aġġustamenti għal differenzi li ġew mistqarra u li ntwerew li affettwaw il-kumparabbiltà tal-prezz skond l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Fuq din il-bażi, fejn kien il-każ saru aġġustamenti fir-rigward ta' taxxi indiretti, roħs, trasport, assigurazzjoni, maniġġar, tagħbija u spejjeż anċillari, ippakkjar, krediti u kummissjonijiet. L-aġġustamenti fil-prezz ta' l-esportazzjoni fir-rigward tat-trasport tal-merkanzija fuq l-art fil-pajjiż ta' l-esportazzjoni, l-ispejjeż ta' l-ippakkjar u l-ispejjeż ta' kreditu saru skond l-ispejjeż stabbiliti fil-pajjiż analogu.

(35) Il-paragun bejn valur normali u l-prezz ta' l-esportazzjoni sar skond *ex-works*.

### 5. Margġini ta' *dumping*

- (36) Il-paragun tal-valur normali u l-prezz ta' l-esportazzjoni tal-produttur Ċiniż esportatur wera margġini ta' *dumping* ta' 28,7 % matul l-IP.
- (37) Fin-nuqqas ta' trattament individwali mogħti lil dan il-produttur esportatur, ġie kkalkulat margġin ta' *dumping* globali għalr-RPĊ kollha.
- (38) Billi, kif deskritt fil-premessa (33), il-livell ta' kooperazzjoni kien wieħed baxx, għall-volumi ta' esportazzjoni ta' produttori esportaturi Ċiniżi li ma kkooperawx, il-livell ta' *dumping* ġie stabbilit skond l-ogħla margġini stabbilit għal tip rappreżentattiv tal-prodott konċernat, tal-produttur esportatur li kkoopera. Dan il-metodu tqies li huwa wieħed xieraq billi ma nstabt l-ebda indikazzjoni li xi wieħed mill-produttori li ma kooperax wettaq *dumping* tal-prodott f'livell aktar baxx minn dak ta' l-esportatur li kkoopera. Għalhekk, ġie attribwit margġini ta' *dumping* ta' 30,2 % lill-produttori kollha li jesportaw u li ma jikkooperawx u lill-produttur esportatur li kkoopera li ma esporta xejn lejn il-Komunità matul l-IP.
- (39) Finalment, margġini ta' *dumping* li huwa l-medja tal-pajjiż kollu ġie kkalkulat bl-użu ta', bħala fattur peżanti, il-valur CIF ta' kull grupp ta' esportaturi, jiġifieri dawk li kkooperaw u dawk li ma kkooperawx. Il-margġini ta' *dumping* tal-pajjiż kollu stabbilit kien 29,9 %.
- (40) Il-margġini ta' *dumping* tal-pajjiż kollu stabbilit fl-investigazzjoni ta' reviżjoni temporanja kien inqas mill-margġini ta' *dumping* stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali u, barra minn hekk, kien aktar baxx mill-margġini ta' *dumping* stabbilit fl-investigazzjoni *anti-absorption* skond l-Artikolu 12 tar-Regolament bażiku. Għandu jiġi mfakkar li kien hemm tnaqqis konsiderevoli fil-valur normali tal-prodott konċernat bħala l-IP ta' l-investigazzjoni oriġinali. Għalhekk, huwa raġonevoli li jiġi konkluż li m'huwiex probabbli li jerġa' jkun hemm margġini ta' *dumping* ogħla li kieku l-miżuri kellhom jiġu emendati biex jirriflettu l-margġini ta' *dumping* stabbilit fl-investigazzjoni ta' reviżjoni temporanja.

## 6. Żvilupp ta' importazzjonijiet jekk il-miżuri jiġu revokati

### a) *Bejgħ ta' esportazzjonijiet tar-RPĊ lil pajjiżi oħra (volum u prezzijiet)*

- (41) Instab li l-*glyphosate* inbigħ lil pajjiżi terzi bi prezzijiet saħansitra aktar baxxi mill-prezzijiet *dumped* tal-bejgħ lis-suq tal-Komunità kif irriżulta mit-tweġibiet tal-kwestjonarju u mill-istatistika tal-Eurostat. Barra minn hekk, kif dedott mit-tweġibiet tal-kwestjonarju, il-volumi ta' l-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi żdiedu b'aktar minn 100 % minħabba l-impożizzjoni tal-miżuri definittivi. Għalhekk, li kieku l-miżuri kellhom jitneħħew, il-produtturi esportaturi fir-RPĊ jistgħu wkoll jidderieġu l-esportazzjonijiet eżistenti tagħhom lejn swieq oħra lejn is-suq tal-Komunità fi kwantitajiet sinifikanti bi prezzijiet *dumped*.
- (42) L-informazzjoni mogħtija mill-applikant tgħid li aktar minn 80 % tal-produzzjoni kollha ta' *glyphosate* fir-RPĊ hija esportata. Fir-rigward taż-żewġ produtturi esportaturi li kkooperaw, l-esportazzjonijiet ammontaw għal proporzjon maġġuri tal-produzzjoni totali tagħhom ta' *glyphosate*. Għalhekk, ġie stabbilit li ħafna mill-produzzjoni ta' *glyphosate* fir-RPĊ kienet indirizzata lejn swieq ta' l-esportazzjoni.

### b) *Kapaċitajiet ta' produzzjoni mhux użati fir-RPĊ*

- (43) Iż-żewġ kumpanniji li kkooperaw iddikjaraw li l-kapaċità tal-produzzjoni tagħhom matul l-IP kienet madwar 34 000 tunnellata ta' *glyphosate* mfissra f'95 % ekwivalenti ta' aċidu. Sa mill-1999 dawn iż-żewġ kumpanniji żiedu l-kapaċità tal-produzzjoni tagħhom b'aktar minn 92 % skond it-tweġibiet tagħhom għall-kwestjonarju. L-informazzjoni mogħtija mill-applikant stmat li l-kapaċità tal-produzzjoni totali ta' *glyphosate* fir-RPĊ ammontat għal 79 500 tunnellata. Iż-żewġ kumpanniji li kkooperaw kienu qed joperaw kważi fl-oġhla livelli ta' kapaċità. Madankollu, l-informazzjoni mogħtija mill-applikant uriet li r-rata medja ta' l-utilizzazzjoni tal-kapaċità tal-produtturi kollha fir-RPĊ kienet madwar 83 % fl-2001 jiġifieri jifdal kapaċità żejda ta' madwar 13 500 tunnellata.

- (44) Skond dan t'hawn fuq, ġie konkluż li l-produtturi esportaturi fir-RPĊ għandhom kapaċità disponibbli biex iżidu l-esportazzjonijiet tagħhom lejn is-suq tal-Komunità jekk il-miżuri jiġu revokati.
- c) *Prattiċi ta' circumvention/absorption fil-passat*
- (45) Kif indikat fil-premessa (1), wara l-impożizzjoni ta' dazji definittivi fi Frar 1998, twettqu żewġ investigazzjonijiet oħra skond l-Artikolu 12 u l-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku. Is-sejbiet ta' dawn l-investigazzjonijiet urew l-inabbiltà ta' l-esportaturi tar-RPĊ biex jikkompetu fis-suq tal-Komunità f'livelli mhux *dumped*, minħabba li sabiex ikunu preżenti fis-suq tal-Komunità, dawn kellhom jirrikorru għal prattiċi ta' *circumvention* billi jibgħatu l-prodott konċernat lejn il-Komunità permezz ta' pajjiżi oħra bi prezzijiet *dumped* b'mod sinifikanti (investigazzjoni *anti-circumvention* skond l-Artikolu 13) u għal prattiċi ta' *absorption*.
- d) *Importazzjonijiet skond ipproċessar 'il ġewwa*
- (46) Aktar minn 90 % ta' l-importazzjonijiet reċenti li joriġinaw fir-RPĊ saru skond arranġamenti ta' ipproċessar 'il ġewwa. Matul il-perijodu ta' l-analiżi, l-importazzjonijiet li joriġinaw fir-RPĊ magħmulin skond reġimi ta' pproċessar 'il ġewwa żdiedu b'mod stabbli, għad-detriment ta' l-importazzjonijiet b'dazju mħallas, minn madwar 60 % tat-total fl-1999 għal aktar minn 90 % fl-IP.
- L-esportazzjonijiet tar-RPĊ iċċaqalqu b'mod ċar lejn ir-reġim ta' ipproċessar 'il ġewwa fis-snin reċenti.
- e) *Konklużjoni dwar il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' dumping*
- (47) Billi r-RPĊ għandha kapaċità ta' produzzjoni mhux użata u l-prezzijiet medji ta' l-esportazzjoni lejn pajjiżi li m'humiex fil-KE kienu, matul il-perijodu ta' l-investigazzjoni, sostanzjalment aktar baxxi minn dawk li jiddominaw fis-suq tal-Komunità, jista' jkun mistenni li, jekk il-miżuri jitneħħew, il-produtturi addizzjonali, jew il-bejgħ li bħalissa huwa esportat lejn pajjiżi mhux tal-KE, jiġu indirizzati mill-ġdid lejn is-suq tal-Komunità fi kwantitajiet sinifikanti.

- (48) L-investigazzjoni wriet li l-esportazzjonijiet li joriġinaw fir-RPĊ xorta għadhom isiru bi prezzijiet *dumped*. Għalhekk, huwa raġonevoli, fin-nuqqas ta' indikazzjoni kuntrarja, li huwa mistenni li fil-futur jibqa' jsir *dumping*. Barra minn hekk, il-volum ta' l-importazzjonijiet *dumped*, li bħalissa jinsab f'livelli baxxi, instab li x'aktarx jiżdied b'mod sinifikanti jekk il-miżuri jiskadu.

## 7. Impenn

- (49) Il-produttur esportatur li kkoopera fir-RPĊ, Xinanchem, esprima l-interess tiegħu li joffri impenn. Madankollu, huwa mfakkar li Xinanchem ma ssodisfax ir-rekwiżiti biex jingħata trattament individwali minħabba li kien hemm fis-seħħ sistema ta' kontroll ta' prezzijiet li ġiet fdata f'idejn il-CCCMC mill-Istat. Barra minn dan, minħabba l-livell baxx ta' kooperazzjoni min-naħa tal-produtturi esportaturi fir-RPĊ, il-Kummissjoni ma kinitx f'qagħda li tikkunsidra aktar l-impenn proposta minn Xinanchem minħabba r-riskju inerenti għoli ta' *circumvention* ta' dik l-impenn. Il-produttur esportatur li kkoopera kien infurmat minnufih. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda offerta attwali għal impenn minn Xinanchem.

## D. SITWAZZJONI FIS-SUQ TAL-KOMUNITÀ

### 1. Ġenerali

- (50) L-erba' produtturi tal-Komunità li kkooperaw fl-investigazzjoni rrappreżentaw 100 % tal-produzzjoni tal-Komunità ta' *glyphosate* matul il-IP. Għalhekk, huma jikkostitwixxu l-industrija tal-Komunità skond it-tifsira ta' l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku.

- (51) Għall-finijiet ta' din ir-reviżjoni, u bħal fl-investigazzjoni oriġinali, l-industrija tal-Komunità hija kkunsidrata li tkopri biss produtturi attwali ta' *glyphosate*, jiġifieri dawk li jipproduċu *glyphosate* mill-materja prima meħtieġa, differenti mill-formulaturi li jittrasformaw biss forma waħda ta' *glyphosate* f'oħra. Produttur esportatur Ċiniż qal li l-formulaturi, jiġifieri kumpanniji li jixtru aċidu jew melħ ta' *glyphosate* u jipproċessawh f'*glyphosate* fformulat, għandhom jitqiesu wkoll bħala produtturi tal-Komunità. Madankollu, il-prodott konċernat minn din ir-reviżjoni huwa *glyphosate* fil-forom varji tiegħu u huwa ċar li formulatur – skond id-definizzjoni – jipproċessa biss forma eżistenti ta' *glyphosate* f'forma oħra. M'huwiex għalhekk aċċettat li formulatur huwa fil-fatt produttur ta' *glyphosate*. Barra minn hekk, din id-distinzjoni bejn produtturi u importaturi/formulaturi hija konsistenti mal-metodu adottat fl-investigazzjoni oriġinali.
- (52) Fir-rigward ta' produttur wieħed, jeħtieġ li jiġi kkunsidrat jekk dan jistax jiġi definit bħala produttur tal-Komunità minħabba l-istruttura korporattiva tal-grupp li huwa jagħmel parti minnu. Instab li dan il-produttur huwa integrat bis-sħiħ f'entità ekonomika waħda, li tikkonsisti f'numru kbir ta' kumpanniji u topera kif ġej: il-kwartieri ġenerali tal-grupp, li jinsabu barra l-Komunità, tixtri l-materja prima. Sussidjarja fil-Komunità (il-produttur konċernat) tipproduċi aċidu ta' *glyphosate* skond arranġament b'tariffa mal-kwartieri ġenerali tal-grupp, li xorta jibqa' s-sid ta' *glyphosate*. Sussegwentament, l-aċidu ta' *glyphosate* jinbigħ mill-kwartieri ġenerali tal-grupp lit-tieni sussidjarja fil-Komunità, fejn jiġi pproċessat f'melħ u fi prodott ifformulat. Il-prodott ifformulat wara jinbigħ lil netwerk ta' distributuri relatati fil-Komunità fi ħdan il-grupp li finalment ibigħuh lil klijenti indipendenti. L-investigazzjoni uriet li *glyphosate* prodott minn din il-kumpannija huwa ta' oriġini tal-Komunità u li l-operazzjonijiet tal-produzzjoni, l-investment teknoloġiku u kapitali għall-operazzjonijiet tal-produzzjoni, u l-operazzjonijiet tal-bejgħ isiru fil-Komunità. Skond dan t'hawn fuq, dan il-produttur huwa produttur tal-Komunità skond it-tifsira ta' l-Artikoli 5(4) u 4(1) tar-Regolament bażiku.

- (53) Produttur tal-Komunità u assoċjazzjoni li tirrappreżenta lid-distributori u lill-utenti qalet li kumpannija waħda li ntqieset minn produttur tal-Komunità ma kinitx, fil-fatt, qed tipproduċi aċidu ta' *glyphosate* ġewwa l-Komunità imma sempliċiment kienet qegħda timporta aċidu jew melħ minn pajjiż terz u tifformulah fil-Komunità. L-investigazzjoni wriet li, filwaqt li l-kumpannija timporta ċerti kwantitajiet ta' *glyphosate* fformulat minn pajjiżi terzi, madankollu, il-maġġoranza tal-prodotti li tbigħ fil-Komunità jsiru mill-aċidu ta' *glyphosate* prodott mill-kumpannija nnifisha fil-Komunità. Il-kumpannija kienet għalhekk meqjusa bħala produttur tal-Komunità, u t-talba kellha tiġi miċħuda.
- (54) L-eżami ta' l-impatt ta' l-importazzjonijiet *dumped* fuq l-industrija tal-Komunità inkluda valutazzjoni tal-fatturi ekonomiċi kollha u l-indiċijiet li għandhom rilevanza fuq l-istat ta' l-industrija mill-1999 għall-IP.
- (55) B'mod ġenerali, iċ-ċifri li jirrigwardaw il-volumi ta' *glyphosate* jinkludu l-forom kollha ta' *glyphosate*, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. Għall-finijiet ta' paragun, il-volumi reġgħu ġew stabbiliti skond 95 % kontenut ta' aċidu ta' *glyphosate*. Iċ-ċifri għall-bejgħ mill-industrija tal-Komunità jinkludu biss il-bejgħ ta' *glyphosate* prodott fil-Komunità, u jeskludu kull bejgħ ta' *glyphosate* importat u mibjugħ mill-ġdid sussegwentament minn ċerti produtturi tal-Komunità.

## 2. Konsum tal-Komunità

- (56) Is-suq għal *glyphosate* ġewwa l-Komunità, li l-industrija tal-Komunità tbigħ għal ġewwa fih, ikopri kemm id-domanda għall-prodott ifformulat lest biex jintuża bħala erbiċida, kif ukoll id-domanda minn importaturi/formulatori ta' *glyphosate* f'forma kemm ta' melħ jew ta' aċidu għal aktar ipproċessar għal prodott ifformulat u li sussegwentament jista' jinbiegħ jew fil-Komunità jew jiġi esportat. Dawn iż-żewġ domandi jistgħu jiġu sodisfatti jew mill-industrija tal-Komunità nnifisha jew minn importazzjonijiet minn pajjiżi terzi. Il-konsum tal-Komunità għalhekk ġie vvalutat fil-livell tal-bejgħ lid-distributuri/utenti u importaturi/formulatori. Dan ġie kkalkulat skond il-volum totali tal-produzzjoni mill-industrija tal-Komunità, aġġustat fir-rigward tat-tibdiliet fil-livelli ta' l-istokk, flimkien mat-total ta' l-importazzjonijiet kif irrappurtat mill-Eurostat u ssupplimentat b'informazzjoni mogħtija mill-industrija tal-Komunità fir-rigward ta' ċerti volumi li rċevew trattament speċifiku tad-dwana, imnaqqas bil-volumi esportati rrappurtati mill-industrija tal-Komunità.
- (57) Fuq din il-bażi, instab li l-konsum tal-Komunità żdied b'mod stabbli u b'41 % bejn l-1999 u l-2002. Dan jirrifletti l-aċċettazzjoni dejjem tiżdied u l-użu ta' *glyphosate* bħala erbiċida mhux selettiva. *Data* ddettaljata, imfissra f'tunnellati, hija kif ġej.

*Tabella 1: Konsum*

Konsum	1999	2000	2001	2002 (IP)
Tunnellati (ekwivalenti għal 95% aċidu)	24 782	29 280	31 562	35 021
Indiċi	100	118	127	141

### 3. Il-volum ta' l-importazzjonijiet li joriġinaw fir-RPĊ u s-sehem tas-suq

- (58) Il-volum ta' l-importazzjoni tal-prodott konċernat ġie stabbilit skond informazzjoni statistika mogħtija mill-Eurostat u ssupplimentata b'informazzjoni mogħtija mill-industrija tal-Komunità fir-rigward ta' ċerti volumi li rċevew trattament doganali speċifiku. Sabiex tiġi protetta l-kunfidenzjalità ta' din l-informazzjoni, iċ-ċifri huma mfissra f'forma indiċjata. Il-kwantità totali ta' *glyphosate* li joriġina fir-RPĊ importat matul l-IP huwa inqas minn 50 % tal-kwantità importata matul il-perijodu ta' l-investigazzjoni oriġinali (12-il xahar sa l-aħħar ta' Awwissu 1995). Billi l-konsum kien qed jiżdied, is-sehem tas-suq ta' importazzjonijiet tal-prodott konċernat li joriġina fir-RPĊ naqas b'mod aktar sinifikanti matul l-istess perijodu. Minn 11 % matul il-perijodu ta' l-investigazzjoni oriġinali, naqas għal inqas minn 3 % fil-bidu tal-perijodu ta' l-analiżi u għal inqas minn 2 % fl-2001, imma sussegwentament żdied matul l-IP filwaqt li baqa' inqas minn 2 %. Kif spjegat fil-premessa (46) hawn fuq, aktar minn 90 % ta' l-importazzjonijiet reċenti li joriġinaw fir-RPĊ saru skond arranġamenti ta' ipproċessar 'il ġewwa, b'hekk jintwera li l-maġġoranza ta' *glyphosate* tar-RPĊ importat huwa attwalment esportat mill-ġdid, u dan jirrifletti l-fatt li l-miżuri jagħmluha diffiċli biex tbiġh fil-Komunità. Matul il-perijodu ta' l-analiżi, l-importazzjonijiet li joriġinaw mir-RPĊ magħmulin skond reġimi ta' ipproċessar 'il ġewwa żdiedu b'mod stabbli, għad-dannu ta' importazzjonijiet b'dazju mħallas, minn madwar 60 % tat-total fl-1999 għal aktar minn 90 % fl-IP. Is-sehem tas-suq ta' l-esportaturi tar-RPĊ ċkien b'mod ċar b'riżultat tal-miżuri fis-seħħ, imma madankollu komplew iżommu preżenza ċara fis-suq tal-Komunità. L-iżvilupp ta' importazzjonijiet li joriġinaw fir-RPĊ u s-sehem tas-suq tar-RPĊ matul il-perijodu ta' l-analiżi qed jintwera fit-tabella li ġejja f'forma indiċjata, bl-1999 bħala l-bażi.

Tabella 2: Importazzjonijiet li joriġinaw fir-RPĊ

Importazzjonijiet li joriġinaw fir-RPĊ	1999	2000	2001	2002 (IP)
Volumi ( <i>indicijati</i> )	100	95	76	100
Sehem tas-suq ( <i>indicijat</i> )	100	81	62	73

#### 4. Prezzijiet ta' l-importazzjonijiet konċernati

##### a) *Evoluzzjoni tal-prezzijiet*

- (59) Billi l-importazzjonijiet ta' *glyphosate* fformulat li joriġina fir-RPĊ għal għol-Komunità kienu negliġibbli u ma kien hemm l-ebda importazzjoni ta' melħ *glyphosate* matul l-IP, l-iżvilupp tal-prezzijiet ġie stabbilit bl-użu ta' prezzijiet għal aċidu ta' *glyphosate* biss. Din l-informazzjoni hija bbażata fuq iċ-ċifri ta' l-Eurostat. Il-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet ta' 95 % ta' aċidu *glyphosate* li joriġina fir-RPĊ, imfissra bħala EUR/kg qabel l-applikazzjoni tad-dazju *anti-dumping*, naqsu b' mod stabbli minn EUR 3,50 fl-1999 għal EUR 2,80 fl-IP, tnaqqis ġenerali ta' 20 %. *Data* dettaljata hija kif ġejja:

Tabella 3: Prezzijiet tar-RPĊ

Prezzijiet tar-RPĊ	1999	2000	2001	2002 (IP)
EUR għal kull kg qabel id-dazju ta' l- <i>anti-dumping</i> ( <i>skond ekwivalenti ta' 95% aċidu</i> )	3,50	3,31	3,04	2,80
Indiċi	100	94	87	80

b) *Tnaqqis fil-prezz*

- (60) Għar-raġuni spjegata fil-premessa (59) hawn fuq, il-valutazzjoni tat-tnaqqis fil-prezz saret ukoll bl-użu tal-prezzijiet għall-aċidu *glyphosate* biss. Billi l-aċidu importat li joriġina fir-RPĊ huwa f'forma ta' 95 % aċidu, u dak mibjugħ mill-produtturi tal-Komunità fis-suq tal-Komunità huwa f'forma ta' 84 % kejk imxarrab, u sabiex ikun possibbli paragun korrett, il-prezzijiet ta' *glyphosate* f'kejk imxarrab inqelbu għal bażi ta' kontenut ta' 95 % ta' aċidu, li huwa possibbli billi essenzjalment l-unika differenza bejn iż-żewġ prodotti hija l-akbar kontenut ta' ilma tal-kejk imxarrab. Barra minn hekk, il-prezz ta' *glyphosate* Ċiniż kien ibbażat fuq l-informazzjoni ppreżentata matul iż-żmien ta' l-investigazzjoni mill-produttur esportatur li kkoopera. Skond il-prezzijiet tal-fruntiera tal-Komunità, inklużi d-dazji tad-dwana imma qabel id-dazji ta' l-*anti-dumping*, matul l-IP, kien hemm marġini ta' tnaqqis fil-prezz ta' 20 % – 30 % li jindika li mingħajr il-miżuri, il-prezzijiet fis-suq tal-Komunità jkunu esposti lejn pressjoni 'l isfel bil-prezzijiet aktar baxxi ta' *glyphosate* tar-RPĊ. Bil-livell tad-dazji eżistenti ta' l-*anti-dumping* (48 %), il-prezz tad-dazju mħallas fuq *glyphosate* li joriġina fir-RPĊ qabeż il-prezz tal-bejgħ ta' l-industrija tal-Komunità b'10 % – 20 %. Madankollu, għandu jkun innutat, li ġie stabbilit marġini ta' tnaqqis fil-prezz li jaqbeż 80 % fir-rigward tal-bejgħ matul l-IP ta' *glyphosate* b'oriġini tar-RPĊ fuq bażi ta' dazju mhux imħallas, kif spjegat fil-premessi (119) u (120).

c) *L-importazzjonijiet li joriġinaw f'pajjiżi terzi oħra*

- (61) Kif imsemmi fil-premessa (71) hawn isfel, produttur wieħed tal-Komunità importa kwantitajiet sinifikanti ta' *glyphosate* fformulat minn kumpanniji relatati f'pajjiżi terzi. Dawn l-importazzjonijiet għandhom x'jaqsmu ma' prodott ifformulat ta' valur għoli u mhux standard. Għal dan il-prodott, kemm il-prezzijiet ta' l-importazzjoni kif ukoll dawk tal-bejgħ mill-ġdid huma ogħla b'mod sinifikanti mill-prezzijiet tal-prodotti fformulati prinċipali prodotti u mibjugħin mill-industrija tal-Komunità fil-Komunità. Għalhekk, dawn l-importazzjonijiet ma kkontribwewx għal deprezzament fil-prezz fis-suq tal-Komunità.

- (62) Iċ-ċifri ta' l-importazzjoni mogħtija hawn isfel jinkludu wkoll *glyphosate* importat taħt sistema ta' ipproċessar 'il ġewwa imma jeskludu importazzjonijiet *glyphosate* minn produttur tal-Komunità minn kumpanniji relatati f'pajjiżi terzi.

Tabella 4: Volum ta' l-importazzjoni minn pajjiżi terzi oħra u ishma tas-suq

ekwivalenti ta' 95 % aċidu	1999			2000			2001			2002 (IP)		
	Tunnella ti	Sehem tas-suq	Prezz EUR/kg	Tunnelati	Sehem tas-suq	Prezz EUR/kg	Tunnellati	Sehem tas-suq	Prezz EUR/kg	Tunnellati	Sehem tas-suq	Prezz EUR/kg
Malasja	1 884	7,6 %	2,85	1 622	5,5 %	2,84	1 239	3,9 %	2,57	78	0,2 %	2,83
Indiċjati	100		100	86		100	66		90	4		99
Tajwan	736	3,0 %	3,87	1 253	4,3 %	3,87	469	1,5 %	3,46	1 354	3,9 %	3,24
Indiċjati	100		100	170		100	64		90	184		84
Oħrajn	1 292	5,2 %	3,94	2 141	7,3 %	3,82	2 212	7,0 %	3,40	1 695	4,8 %	3,19
Indiċjati	100		100	255		100	174		89	90		84
TOTAL	3 912	15,8 %	3,38	5 016	17,1 %	3,44	3 920	12,4 %	3,13	3 127	8,9 %	3,20
Indiċjati	100		100	128		102	100		93	80		95

- (63) Biex isir paragun fir-rigward tal-prezz li jagħmel sens għal importazzjonijiet *glyphosate* minn pajjiżi terzi, dan il-paragun sar fuq il-bażi ta' aċidu *glyphosate*, li ammonta għal aktar minn 90 % ta' l-importazzjonijiet ta' *glyphosate* matul l-IP.

- (64) L-importazzjonijiet ta' *glyphosate* minn kumpanniji mhux relatati mal-produtturi tal-Komunità naqsu kemmxejn minn 3 912-il tunnellata fl-1999 għal 3 127 fl-IP. L-uniċi importazzjonijiet sinifikanti matul l-IP minn pajjiżi minbarra r-RPĊ, minbarra dawk l-importazzjonijiet mill-produtturi tal-Komunità minn kumpanniji relatati barra l-Komunità, jiġu mit-Tajwan (ara t-tabella hawn fuq). Wara investigazzjoni *anti-circumvention*, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 163/2002 estenda d-dazju għall-importazzjonijiet tal-prodott konċernat ikkonsenjat mill-Malasja jew it-Tajwan (kemm jekk iddikjarat bħala li joriġina fil-Malasja jew fit-Tajwan kif ukoll jekk le), bl-eċċezzjoni ta' dawk prodotti minn kumpannija waħda msemmija f'kull wieħed minn dawk il-pajjiżi. L-importazzjonijiet mill-Malasja naqsu sostanzjalment wara l-estenzjoni tal-miżuri, u matul l-IP, dawn ma kinux sinifikanti.
- (65) Fil-każ tat-Tajwan, l-importazzjonijiet naqsu matul l-2001 meta kienet għaddejja l-investigazzjoni *anti-circumvention* imma żdiedu mill-ġdid matul l-IP għal livell li jirrappreżenta madwar 4 % tal-konsum tal-Komunità. Filwaqt li l-livell ta' importazzjonijiet mit-Tajwan jibqa' relattivament għoli, wieħed għandu jiftakar li mhux l-esportazzjonijiet kollha mit-Tajwan huma soġġetti għad-dazji estiżi li jirriżultaw mir-reviżjoni *anti-circumvention*. Għandu jkun innutat ukoll li matul il-perijodu ta' l-analiżi, il-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet mit-Tajwan, kienu 10-20 % ogħla mill-importazzjonijiet li joriġinaw fir-RPĊ, mingħajr ma wieħed iqis id-dazji ta' *anti-dumping* applikabbli għall-importazzjonijiet li joriġinaw fir-RPĊ, u li l-prezzijiet Tajwaniżi ma baxxewx il-prezzijiet ta' l-industrija tal-Komunità matul il-IP. L-importazzjonijiet mill-pajjiżi l-oħra kollha jsiru bi prezzijiet viċin ħafna ta' dawk ta' l-industrija tal-Komunità.

## 5. Is-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità

### a) *Ġenerali*

- (66) Sabiex issir valutazzjoni li tagħmel sens ta' ċerti indikaturi ta' ħsara, kien meħtieġ li tiġi eskluża *data* fir-rigward tal-produttur imsemmi fil-premessa (52) hawn fuq f'dawk il-każijiet fejn din id-*data* tista' tiġi influwenzata minn kumpanniji ġewwa l-istruttura ta' grupp imma li tinsab barra l-Komunità. Billi l-profitabbiltà ta' l-operazzjonijiet Ewropej ta' din il-kumpannija huma affettwati bir-riżultati akkwistati mill-katina ta' provvisti shiġha tagħha, inkluż il-kwartieri ġenerali tagħha li jinsabu barra l-Komunità, tqies xieraq li tiġi eskluża d-*data* minn din il-kumpannija mill-analiżi ta' l-indikaturi fit-taqsimiet (f) profitabbiltà u (g) fluss tal-flus kontanti w abbiltà li jinġabar il-kapital, kif ukoll mill-analiżi tad-"dħul mill-investment" fit-taqsimi (ġ) Investimenti u dħul mill-investimenti. Barra minn dan, billi din il-kumpannija rriżultat mill-għaqda ta' żewġ entitajiet li qabel kienet indipendenti, ma kinitx f'qagħda li tipprovdri informazzjoni għall-perijodu ta' l-analiżi shiġh fir-rigward tal-prezzijiet tal-bejgħ u l-impjiegi. Għal dik ir-raġuni, kien ukoll meħtieġ li tiġi eskluża l-informazzjoni disponibbli mill-analiżi tax-xejriet fit-taqsimiet (e) Prezzijiet tal-bejgħ u spejjeż u (i) Impjiegi, produttività u pagi. Billi din il-kumpannija kienet taqa' biss fil-marġini ta' 15 % għal 25 % tal-produzzjoni tal-Komunità tal-prodott konċernat, is-sejbiet stabbiliti hawn isfel huma kkunsidrati li huma rappreżentattivi.

### b) *Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u utilizzazzjoni tal-kapaċità*

- (67) Il-produzzjoni ta' *glyphosate* mill-industrija tal-Komunità żdiedet minn 48 334 tunnellata fl-1999 għal massimu ta' 54 575 tunnellata fis-sena 2000 u mbaġhad naqset għal kwantità ta' 50 448 tunnellata fl-IP. Dan jirrappreżenta żieda globali ta' 4 % matul il-perijodu ta' l-analiżi.

- (68) Il-kapaċità tal-produzzjoni żdiedet minn madwar 63 000 tunnellata fl-1999 għal madwar kważi 70 000 tunnellata fl-IP, żieda ta' 11 %. Iż-żieda matul l-2000 u l-2001 hija minħabba li faċilitajiet ta' produzzjoni addizzjonali jsiru operattivi flimkien ma' raffinamenti kontinwati fil-proċess tal-produzzjoni.
- (69) L-utilizzazzjoni tal-kapaċità fil-bidu żdiedet minn 77 % għal 83 % fis-2000, imma mbagħad naqset matul l-2001 għal livell ta' 72 % matul l-IP, tnaqqis globali ta' 5 punti perċentwali meta mqabbla ma' l-1999. L-effett ekonomiku ta' l-eżistenza ta' tnaqqis fl-utilizzazzjoni tal-kapaċità ġie eżaminat u nstab li l-impatt tiegħu fuq il-profitabbiltà ma kienx sinifikanti.
- (70) L-utilizzazzjoni tal-kapaċità li qed tonqos, fid-dawl tal-bejgħ li qed jiżdied tal-prodott konċernat fil-Komunità, hija affettwata b'mod negattiv bl-iżvilupp tal-bejgħ ta' l-esportazzjonijiet ta' l-industrija tal-Komunità lil pajjiżi terzi. Matul il-perijodu ta' l-analiżi, il-bejgħ ta' l-esportazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità naqas b'mod sew minn 58 % tal-bejgħ tagħha madwar id-dinja fl-1999 għal 38 % tal-bejgħ tagħha madwar id-dinja fl-IP.
- (71) Kemm iċ-ċifri ta' l-utilizzazzjoni tal-produzzjoni kif ukoll il-kapaċità għall-2001 u l-2002 kienu affettwati bi tnaqqis fil-produzzjoni minn produttur wieħed tal-Komunità minħabba d-deċiżjoni tiegħu li jimporta ċerti prodotti ta' *glyphosate* minn kumpanniji relatati f'terzi pajjiżi minflok ma jipproduċihom fil-Komunità. Il-prodotti konċernati huma forom żviluppati ġodda li jeħtieġu tagħmir ta' produzzjoni addizzjonali, li bħalissa m'humiex disponibbli fil-Komunità. Id-deterjorazzjoni f'dawn l-indikaturi ta' ħsara fl-2001 u l-2002 għandha titqies fid-dawl ta' dan l-iżvilupp li ġie msemmi fil-premessa (61) hawn fuq. Id-*data* ddettaljata hija kif ġej:

Tabella 5: Produzzjoni

<b>Produzzjoni</b>	<b>1999</b>	<b>2000</b>	<b>2001</b>	<b>2002 (IP)</b>
Produzzjoni (tunnellati skond ekwivalenti ta' 95 % aċidu)	48 337	54 575	52 406	50 448
Indiċi	100	113	108	104
Kapaċità tal- produzzjoni (tunnellati skond ekwivalenti ta' 95 % aċidu)	63 029	65 720	70 028	69 930
Indiċi	100	104	111	111
Utilizzazzjoni tal- kapaċità	77 %	83 %	75 %	72 %

ċ) *Ħażniet*

- (72) Il-*ħażniet* ta' *glyphosate* żdiedu matul il-perijodu ta' l-analiżi minn 9 149 tunnellata fl-1999 għal 14 554 tunnellata fl-IP, żieda ta' 59 %. Iż-żieda prinċipali seħħet fl-2001 sa 2002. Dan jirrifletti l-isforzi tal-produtturi tal-Komunità biex iżommu utilizzazzjoni ta' kapaċità għolja sabiex ikopru l-ispejjeż fissi ta' l-impjanti tagħhom, filwaqt li fl-istess ħin is-suq ma kienx kapaċi jassorbi dawk il-kwantitajiet. Id-*data* ddettaljata hija kif ġejja:

Tabella 6: *Stokks*

<b>Ħażniet</b>	<b>1999</b>	<b>2000</b>	<b>2001</b>	<b>2002 (IP)</b>
Tunnellati	9 149	9 902	13 049	14 554
Indiċi	100	108	143	159

(73) Persuna fir-RPĊ argumentat li t-tkattir ta' ħażniet mill-industrija tal-Komunità ma setax jiġi attribwit għall-effett ta' l-importazzjonijiet mir-RPĊ imma għat-tnaqqis fil-bejgħ mill-industrija tal-Komunità fir-rigward tas-swieq ta' l-esportazzjoni. F'dan ir-rigward, għandu jkun osservat li l-kompetizzjoni mill-*glyphosate* tar-RPĊ, li kien importat skond l-ipproċessar 'il ġewwa u sussegwentament esportat, ikkontribwixxiet ukoll għat-tnaqqis fil-bejgħ mill-industrija tal-Komunità rigward is-suq ta' l-esportazzjoni.

d) *Volum tal-bejgħ, is-sehem tas-suq u tkabbir*

(74) Il-bejgħ fis-suq tal-Komunità ta' *glyphosate* prodott mill-industrija tal-Komunità żdied b'mod stabbli matul il-perijodu ta' l-analiżi minn 19 945 tunnellata fl-1999 għal 29 607 tunnellati fl-IP, żieda globali ta' 48 %. Bl-istess mod, l-industrija tal-Komunità żiedet is-sehem tagħha fis-suq minn 80 % fl-1999 għal 85 % fl-IP, wara li laħqet livell ta' 89 % matul l-2001. It-tnaqqis fis-sehem tas-suq mill-2001 sa l-2002 kien affettwat b'importazzjonijiet ta' *glyphosate* minn pajjiżi terzi minn produttur tal-Komunità, kif imsemmi fil-premissa (71) hawn fuq.

*Tabella 7: Bejgħ*

<b>Bejgħ</b>	<b>1999</b>	<b>2000</b>	<b>2001</b>	<b>2002 (IP)</b>
Bejgħ mill-industrija tal-Komunità (tunnellati)	19 945	24 323	28 229	29 607
Indiċi	100	122	142	148
Sehem tas-suq ta' l-industrija tal-Komunità	80 %	83 %	89 %	85 %

e) *Prezzijiet tal-bejgħ u spejjeż*

- (75) Il-prezzijiet ġew imqabbla fl-istadju fformulat, billi din hija l-forma ta' *glyphosate* li hija użata mill-konsumatur finali bħala erbiċida. Barra minn hekk, il-*glyphosate* fformulat jammonta għall-maġġoranza vasta tal-bejgħ ta' *glyphosate* kemm f'termini ta' valur kif ukoll f'ta' volum. Sabiex jiġi żgurat li jsir paragun ġust tal-prezzijiet, u minħabba l-eżistenza fis-suq ta' varjetà ta' tipi ta' *glyphosate* fformulat, li l-prezzijiet tiegħu jistgħu jvarjaw konsiderevolment kemm skond il-konċentrazzjoni tal-prodott kif ukoll skond it-tip ta' *surfactant* użat, is-servizzi tal-Kummissjoni għażlu l-formulazzjoni l-aktar komuni, formulazzjoni standard li għandha kontenut ta' 360g ta' *glyphosate* għal kull litru. Din l-imsejħa "formulazzjoni 360 standard" kienet issarraff għal madwar 40 % bil-volum tal-bejgħ ta' *glyphosate* fil-Komunità mill-industrija tal-Komunità matul il-perijodu ta' l-analiżi u, minħabba li issa mhijiex koperta bi brevett, hija l-formulazzjoni tipika li hija jew importata mir-RPĊ jew hija magħmula minn aċidu jew melħ importat li joriġina fir-RPĊ.
- (76) Barra minn hekk, għal dan il-paragun, *glyphosate* fformulat prodott mill-industrija tal-Komunità li jinkludi *surfactants* speċjali ddisinjati biex jagħmlu l-prodott inqas perikoluż, kien ikkunsidrat separatament. Il-bejgħ ta' din il-formulazzjoni mhux perikoluża li tinkludi wkoll 360g ta' *glyphosate* għal kull litru ammontat għal madwar 20 % meta wieħed jikkunsidra l-volum tal-bejgħ ta' *glyphosate* fil-Komunità mill-industrija tal-Komunità matul il-perijodu ta' l-analiżi. L-aċidu ta' *glyphosate* normalment jammonta għal madwar 18 % meta wieħed jikkunsidra l-volum tal-bejgħ totali ta' *glyphosate* fil-Komunità mill-industrija tal-Komunità matul il-perijodu ta' l-analiżi, il-kumplement jikkonsisti f'melħ ta' *glyphosate* u formulazzjonijiet mhux standard oħra li jinkludu kontenut ta' *glyphosate* differnti għal kull litru u/jew *surfactants* speċjali biex titjeb l-effettività jew il-klassifikazzjoni tal-periklu.

- (77) L-aċidu *glyphosate* huwa l-element ewlieni fl-ispiża tal-produzzjoni għall-formulazzjoni ta' *glyphosate*. Għall-formulazzjoni 360 standard huwa jammonta għal madwar 55 % ta' l-ispiża totali tal-produzzjoni u għal madwar 45 % fil-każ tal-formulazzjoni 360 mhux perikoluża.
- (78) Il-prezzijiet tal-bejgħ ta' *glyphosate* formulat 360 standard, imfissra għal kull kilogramm skond ekwivalenti għal 95 % ta' -aċidu (l-ekwivalenti ta' 2,64 litri tal-prodott ifformulat), naqsu b'mod stabbli minn EUR 9,23 fl-1999 għal EUR 7,28 fl-2002, tnaqqis globali ta' 21 %. L-ispiża tal-produzzjoni wkoll naqset b'mod stabbli minn EUR 10,37 fl-1999 għal EUR 8,14 fl-IP, tnaqqis totali ta' 21 %. Dan il-prodott ma kienx vantaġġuż matul il-perijodu ta' l-analiżi, minkejja li d-differenza bejn l-ispiża tal-produzzjoni u l-prezz tal-bejgħ baqgħet relattivament stabbli matul il-perijodu.

Tabella 8: Formulazzjoni 360 standard

<b>Formulazzjoni 360</b>	<b>1999</b>	<b>2000</b>	<b>2001</b>	<b>2002 (IP)</b>
Kwantità mibjugħa ( <i>tunnellati skond ekwivalenti ta' 95 % aċidu</i> )	7 632	9 102	10 015	10 322
% tal-bejgħ ta' l-UE	43 %	41 %	39 %	38 %
Prezz tal-bejgħ ( <i>EUR għal kull kg skond ekwivalenti ta' 95 % aċidu</i> )	9,23	8,65	7,55	7,28
Indiċi	100	94	82	79
Spiża tal-produzzjoni ( <i>EUR għal kull kg skond ekwivalenti ta' 95 % aċidu</i> )	10,37	9,31	8,88	8,14
Indiċi	100	90	86	79

- (79) Għal *glyphosate* fformulat mhux perikoluż li jinkludi 360g ta' *glyphosate* għal kull litru, il-prezz tal-bejgħ, imfisser għal kull kilogramm skond ekwivalenti ta' 95 % aċidu (l-ekwivalenti ta' 2,64 litri ta' prodott ifformulat), naqas b'mod stabbli mill-1999 sa l-2002 għal tnaqqis globali ta' 12 %. L-ispiża tal-produzzjoni wkoll naqset mill-1999 sa l-2001, imma żdiedet mill-ġdid fl-IP għal tnaqqis globali ta' 22 %. Iż-żieda fl-ispiża tal-produzzjoni fl-IP hija minħabba t-tnaqqis fl-utilizzazzjoni tal-kapaċità. Il-profitabbiltà ta' dan il-prodott żdiedet matul il-perijodu ta' l-analiżi.

Tabella 9: Formulazzjoni 360 mhix perikoluża

<b>Formulazzjoni 360 mhix perikoluża</b>	<b>1999</b>	<b>2000</b>	<b>2001</b>	<b>2002 (IP)</b>
Kwantità mibjugħa ( <i>Indiċi</i> )	100	123	125	106
% ta' bejgħ ta' l- UE ( <i>Indiċi</i> )	100	100	88	69
Prezz tal-bejgħ ( <i>Indiċi</i> )	100	100	90	88
Spiża tal- produzzjoni ( <i>Indiċi</i> )	100	79	73	78

- (80) It-tabella hawn isfel turi l-medja peżata tal-prezz tal-bejgħ flimkien ma' l-ispiża tal-produzzjoni għall-forom kollha ta' *glyphosate*, jiġifieri melħ, aċidu u t-tipi kollha ta' prodotti fformulati. Jidher li l-prezzijiet tal-bejgħ u l-ispiża tal-produzzjoni żdiedu fl-2001. Ir-raġuni għal dan hija l-bidla fit-taħlita tal-prodott mibjugħ fis-suq tal-Komunità, jiġifieri l-industrija tal-Komunità biegħet inqas mill-aċidu ta' valur baxx u prodotti tal-melħ fis-suq tal-Komunità.

Tabella 10: Il-prodotti kollha

Il-Prodotti kollha	1999	2000	2001	2002 (IP)
Prezz tal-bejgħ (EUR għal kull kg skond ekwivalenti ta' 95 % aċidu)	8,92	7,94	8,16	7,61
Indiċi	100	89	91	85
Spiża tal-produzzjoni (EUR għal kull kg skond ekwivalenti ta' 95 % aċidu)	8,55	7,58	8,01	7,84
Indiċi	100	88	94	92

## f) Profitabbiltà

- (81) Il-profitabbiltà globali ta' l-Industrija tal-Komunità fir-rigward ta' attivitajiet ta' *glyphosate* marret għall-aġar minn 4,2 % fl-1999 għal -2,6 % fl-IP. Il-profitabbiltà għandha x'taqsam mal-forom kollha ta' *glyphosate* prodott u mibjugħ mill-industrija tal-Komunità fl-industrija tal-Komunità. *Glyphosate* importat u mibjugħ, kif imsemmi fil-premessa (71) hawn fuq, ma kienx inkluż f'dan il-kalkolu.
- (82) Persuna fir-RPĊ argumentat li l-prodott li kien importat u mibjugħ mill-ġdid kellu jiddaħħal fil-valutazzjoni tal-profitabbiltà globali. F'dan ir-rigward, dawn il-prodotti ġew esklużi b'mod korrett billi ma jikkontribwixxux għall-profitabbiltà ta' l-industrija tal-Komunità li għandha x'taqsam mal-produzzjoni u l-bejgħ fil-Komunità. Għalhekk l-argument qed jiġi miċħud.

- (83) Globalment il-profitabbiltà wkoll kienet affettwata b'mod negattiv permezz ta' taħlita ta' prodotti mibjugħin mill-industrija tal-Komunità fis-suq tal-Komunità. L-industrija tal-Komunità ppjanat li titlaq mill-formulazzjoni ta' *glyphosate* "standard", li ilha tinbiegħ b'telf taħt pressjoni minn importazzjonijiet bi prezz baxx, prinċipalment mir-RPĊ u t-Tajwan, lejn prodotti aktar sofistikati, u ta' valur oġhla bħall-formulazzjonijiet mhux perikolużi. Madankollu, matul l-IP, il-bejgħ ta' dawn il-prodotti b'valur oġhla prodotti ġewwa l-Komunità naqas minħabba domanda aktar dgħajfa għal dawn il-prodotti, b'hekk kien hemm effett negattiv fuq il-profitabbiltà globali. Iċ-ċifri tal-profitabbiltà jinsabu fit-tabella 11 hawn isfel.
- (84) Il-*glyphosate* jinbiegħ ukoll minn importaturi/formulaturi fis-suq tal-Komunità. Dan il-bejgħ, kważi esklusivament tal-formulazzjoni standard ta' *glyphosate* 360, li huwa l-prodott l-aktar li jinbiegħ ta' l-industrija tal-Komunità, jikkompeti direttament mal-bejgħ mill-industrija tal-Komunità ta' l-istess formulazzjoni. Il-*glyphosate* konċernat jinxtara jew bħala aċidu jew melħ primarjament minn produtturi tal-Komunità, imma jiġi importat ukoll minn pajjiżi terzi. Filwaqt li l-bejgħ mill-industrija tal-Komunità biex tiġi fornuta d-domanda għal din il-formulazzjoni standard ma kienx vantaġġuż, madankollu, l-industrija tal-Komunità għandha bżonn tibqa' tfornihom billi dan il-bejgħ jipprovdi kontribuzzjoni biex tkopri l-ispejjeż fissi tagħhom permezz tal-manteniment ta' l-utilizzazzjoni tal-kapaċità.

*Tabella 11: Profitabbiltà*

<b>Profitabbiltà</b>	<b>1999</b>	<b>2000</b>	<b>2001</b>	<b>2002 (IP)</b>
Profitabbiltà (Bejgħ tal-Komunità)	4,2 %	4,3 %	0,6 %	-2,6 %

g) *Investimenti u dħul mill-investimenti*

- (85) L-investment fin-negozju ta' *glyphosate* naqas f'daqqa waħda wara l-1999 għal bejn 15 % u 18 % taċ-ċifri ta' l-1999. Għandu jiġi nmutat li l-qalba ta' l-investimenti fir-rigward taż-żidiet fil-kapaċità fl-2001 saru fis-snin sa l-1999. L-ebda investment sinifikanti ma kien ipplanat jew sar għall-kumplement tal-perijodu ta' l-analiżi. *Data* iddettaljata qed tintwera hawn isfel:

*Tabella 12: Investimenti*

<b>Investimenti</b>	<b>1999</b>	<b>2000</b>	<b>2001</b>	<b>2002 (IP)</b>
Investimenti (EUR '000)	50 940	7 409	9 035	7 883
Indiċi	100	15	18	15
Dħul mill-investment	22 %	157 %	17 %	Negattiv

g) *Fluss tal-flus kontanti u abbiltà li jinġabar il-kapital*

- (86) Il-fluss tal-flus kontanti ta' l-industrija tal-Komunità mar għall-agħar bejn l-1999 u l-IP, kemm f'valuri assoluti kif ukoll imfissra bħala perċentwali tal-fatturat. Dan it-tnaqqis huwa konformi mad-deterjorament tal-profitabbiltà globali matul il-perijodu ta' l-analiżi.

Tabella 13: Fluss tal-flus kontanti

<b>Fluss tal-flus kontanti</b>	<b>1999</b>	<b>2000</b>	<b>2001</b>	<b>2002 (IP)</b>
Fluss tal-flus kontanti (EUR '000)	13 217	11 769	4 975	-562
Indiċi	100	89	38	Negattiv
Fluss tal-flus kontanti imfisser bħala perċentwali tal-fatturat	5,0 %	4,4 %	2,1 %	-0,3 %

(87) Il-kapital jinġabar jew fil-borża jew inkella ifffinanzjat internament ġewwa l-kumpannija. L-investimenti u, f'xi każijiet, l-infiq għar-R&D ġew limitati fis-snin reċenti, b'hekk jirriflettu l-profitabbiltà li qed tonqos tal-bejgħ ta' *glyphosate*. In-nuqqas ta' investimenti sinifikanti sa mill-2000 huwa kkonfermat permezz tal-figuri mogħtija fil-premessa (85) hawn fuq.

h) *Impjieg, produttività u pagi*

(88) Il-produttur tal-Komunità msemmi fil-premessa (52) hawn fuq ma kienx f'qagħda li jippreżenta ċifri komparabbli għall-perijodu sħiħ ta' l-analiżi minħabba r-raġuni spjegata fil-premessa (66) hawn fuq, għaldaqstant kien meħtieġ li tiġi eskluża l-informazzjoni disponibbli għal din il-kumpannija sabiex tiġi eżaminata x-xejra fuq bażi konsistenti.

(89) L-impjieg naqas fil-perijodu ta' l-analiżi minn 1 017-il impjegat fl-1999 għal 808 impjegati fl-IP, tnaqqis ta' 20 %. Dan jirrifletti tnaqqis fil-produzzjoni fl-2001 u l-2002, imma jirrifletti wkoll il-fatt li, b'mod ġenerali, il-produttività, kif imkejla permezz ta' l-*output* għal kull ħaddiem, żdiedet. Fl-2002, il-produttività naqset, primarjament minħabba tnaqqis fl-utilizzazzjoni tal-kapaċità kif innutat fil-premessa (71). Iż-żieda fl-ispejjeż tal-pagi għal kull ħaddiem hija riżultat ta' negozjar kollettiv f'livell industrijali.

- (90) Persuna fir-RPĊ argumentat li t-tnaqqis fl-impjieg irriżulta minn żieda fl-effiċjenza aktar milli mill-ħsara. Madankollu, it-tnaqqis fl-impjieg huwa l-aktar konsegwenza ta' produzzjoni mnaqqsa mill-industrija tal-Komunità, minkejja li huwa rikonoxxut li żieda fl-effiċjenza kellha wkoll l-effett tagħha, kif innutat fil-premessa (89) hawn fuq.

*Tabella 14: Impjieg*

<b>Impjieg</b>	<b>1999</b>	<b>2000</b>	<b>2001</b>	<b>2002 (IP)</b>
Numru ta' impjegati	1 017	846	791	808
Indiċi	100	83	78	80
Spejjeż ta' pagi għal kull impjegat (f'EUR)	57 730	60 040	63 619	64 871
Indiċi	100	104	110	112
Produzzjoni għal kull impjegat ( <i>tunnellati/sena</i> )	44	56	58	49
Produzzjoni għal kull impjegat ( <i>indiċjat</i> )	100	129	133	112

h) *Id-daqs tad-dumping u l-irkupru minn dumping tal-passat*

- (91) Għal dak li jirrigwarda l-impatt fuq is-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità mid-daqs tal-marġini ta' *dumping* li jinsab fl-IP (29,9 %), għandu jkun innutat li, filwaqt li l-marġini huwa inqas minn dak li jinsab fl-investigazzjoni oriġinali (38,2 %), xorta għadu f'livell għoli. Is-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità għall-bidu tjiebet sa ċertu punt wara l-impożizzjoni tal-miżuri oriġinali, imma ma rkupratx għal kollox. Għandu jkun innutat li *dumping* żdied ulterjorment għal 62 %, kif stabbilit fl-investigazzjoni *anti-absorption* imsemmija fil-premessa (1). Din iż-żieda fid-*dumping* u *s-circumvention* sussegwenti tal-miżuri permezz tal-Malasja u t-Tajwan, kif stabbilit fl-investigazzjoni *anti-circumvention* imsemmija fil-premessa (1), ċertament ikkontribwixxiet għat-tnaqqis fil-prezz ġewwa l-Komunità u għall-profitabbiltà li qed tonqos fl-industrija tal-Komunità. Jekk l-importazzjonijiet mir-RPĊ jilħqu mill-ġdid livelli oġhla, l-impatt tad-*dumping* fuq l-industrija tal-Komunità li jinstab fl-investigazzjoni kurrenti jkun sinifikanti.
- (92) Żewġ persuni fir-RPĊ argumentaw li l-miżuri ma kinux effettivi u għandhom jitneħħew billi, fil-perijodu li matulu kienu fis-seħħ, is-sitwazzjoni ekonomika ta' l-industrija tal-Komunità ma rkupratx b'mod sinifikanti. F'dan ir-rigward, għandu jkun innutat li l-effettività tal-miżuri tnaqqset permezz ta' pressjoni kontinwa fuq il-prezz marbuta ma' prezzijiet dejjem jorħsu ta' importazzjonijiet li joriġinaw fir-RPĊ. Barra minn hekk, għandu jiġi mfakkar li l-prattiċi ta' *absorption* u *circumvention* seħħew wara l-impożizzjoni tal-miżuri, kif imsemmi fil-premessi (1) u (45) hawn fuq, li wkoll illimitaw l-effettività tal-miżuri. Minħabba dawn il-fatturi, l-argument li l-miżuri għandhom jitneħħew m'huwiex, għalhekk, aċċettat.

## 6. Konklużjoni dwar is-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità

- (93) Wara l-impożizzjoni tal-miżuri ta' l-*anti-dumping* kontra importazzjonijiet li joriġinaw fir-RPĊ, is-sitwazzjoni ekonomika ta' l-industrija tal-Komunità tgiebet f'termini ta' produttività, produzzjoni, kapaċità ta' produzzjoni, bejgħ u sehem fis-suq. Dan għandu jittqies, flimkien ma' l-eżistenza tal-miżuri, fil-kuntest tal-konsum dejjem jiżdied ta' *glyphosate* ġewwa l-Komunità. Madankollu, il-prezzijiet tal-bejgħ naqsu b'mod stabbli, b'hekk irriżultaw f'deterjorazzjoni stabbli fil-profitabbiltà u waslu għal telf fl-IP. Dan affettwa b'mod ħażin lill-fluss tal-flus kontanti, filwaqt li l-livelli tal-ħażniet żdiedu u l-impjeg naqs. Barra minn hekk, ma kien hemm l-ebda investiment sostanzjali ġdid sa mis-2000.
- (94) Persuna fir-RPĊ argumentat li s-sitwazzjoni dgħajfa ta' l-industrija tal-Komunità kienet minħabba l-kapaċità tal-produzzjoni żejda u t-tnaqqis fil-bejgħ għall-esportazzjoni. Dan l-argument qed jiġi miċħud fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet imsemmijin fil-premessi (69) u (73) hawn fuq. Għalhekk jittqies li s-sitwazzjoni ekonomika ta' l-industrija tal-Komunità tibqa' waħda dgħajfa.

**E. PROBABBILTÀ TA' KONTINWAZZJONI U/JEW RIKORRENZA TA' ĦSARA**

- (95) Minn mindu saret l-impożizzjoni tal-miżuri, ir-RPĊ baqgħet tbigħ *glyphosate* lill-Komunità bi prezzijiet *dumped*. Filwaqt li l-kwantità li daħlet fis-suq tal-Komunità naqset (*inter alia* bħala riżultat tal-miżuri), l-esportaturi tar-RPĊ baqgħu jżommu preżenza ċara fis-suq. Barra minn hekk, permezz tal-bejgħ tagħhom l-aktar skond l-ipproċessar 'il ġewwa, xorta waħda qed jibqgħu jagħmlu ċerta pressjoni fuq il-prezzijiet ġewwa l-Komunità. Bħalissa għandhom kapaċità żejda ta' produzzjoni, li tammonta għal madwar 40 % tal-konsum tal-Komunità, u, barra minn hekk, li kieku kellhom jitneħħew il-miżuri, kieku jkunu f'qagħda li jidderieġu mill-ġdid l-esportazzjonijiet eżistenti lil hinn minn swieq bi prezz aktar baxx f'pajjiżi terzi, lejn is-suq tal-Komunità fi kwantitajiet sinifikanti, kif imsemmi fil-premessi (41) u (47) hawn fuq. Li kieku l-miżuri fis-seħħ jiskadu, dan ipoġġihom f'qagħda biex ifornu kwantitajiet miżjuda lis-suq tal-Komunità bi prezzijiet li jirriżultaw fi prezzijiet ferm aktar baxxi u bi prezzijiet imqaċċta fil-Komunità. Il-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet tal-prodott konċernat mir-RPĊ iqaċċtu l-prezzijiet ta' l-esportazzjoni ta' pajjiżi terzi oħra, eż. fil-każ tat-Tajwan b'madwar bejn 10-20 %.
- (96) Persuna fir-RPĊ argumentat li l-kwantità baxxa ta' importazzjonijiet ta' *glyphosate* mir-RPĊ m'għandhiex taffettwa l-prezzijiet fis-suq tal-Komunità u li t-tnaqqis fil-prezzijiet tal-Komunità kien minħabba tnaqqis fl-ispejjeż tal-produzzjoni mill-industrija tal-Komunità. Dan l-argument huwa miċħud billi nstab li l-*glyphosate* huwa prodott prinċipali (komodità) u għalhekk il-preżenza ta' kwantitajiet relattivament żgħar ta' *glyphosate* fis-suq tal-Komunità bi prezzijiet baxxi taffettwa l-prezzijiet tas-suq. B'mod partikolari dan huwa l-każ għal prodott ifformulat standard li jammonta għal madwar 40 % tal-bejgħ ta' l-industrija tal-Komunità f'dak is-suq u li kontra tiegħu, importazzjonijiet mir-RPĊ jikkompetu direttament. Minkejja l-isforzi ta' l-industrija tal-Komunità biex tnaqqas l-ispejjeż tagħha, il-profitabbiltà fir-rigward tal-prodott ifformulat standard baqgħet negattiva matul il-perijodu ta' l-analiżi bħala riżultat tal-prezzijiet li jonqsu.

- (97) Persuna fir-RPĊ ikkunsidrat li l-importazzjonijiet taħt ipproċessar 'il ġewwa ma kellhomx jitqiesu fil-valutazzjoni tal-ħsara billi dawn mhumiex mibjugħin fis-suq tal-Komunità. F'dan ir-rigward, għandu jkun innutat li l-importazzjonijiet tal-melħ u l-aċidu ta' *glyphosate* skond l-ipproċessar 'il ġewwa jikkompetu direttament ma' l-istess prodotti mill-industrija tal-Komunità għad-domanda mill-importaturi/formulatori biex ifornu s-swieq ta' l-esportazzjoni tagħhom. Huwa għalhekk korrett li wieħed iqis il-kwantitajiet ta' dawn l-importazzjonijiet fil-valutazzjoni tal-ħsara. Barra minn hekk, minkejja li l-importazzjonijiet skond l-ipproċessar 'il ġewwa m'humiex fihom infushom mibjugħin ġewwa l-Komunità, l-effett tal-prezzijiet ta' dawn l-importazzjonijiet jinħass fis-suq permezz ta' l-azzjoni ta' l-importaturi/formulatori li jaraw li jakkwistaw prodotti biex ifornu kemm domandi għall-Komunità kif ukoll għall-esportazzjoni bil-prezzijiet l-aktar kompetittivi disponibbli. Għalhekk, il-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet skond l-ipproċessar 'il ġewwa kkontribwixxew għall-pressjoni fuq il-prezzijiet li wasslet għad-deterjorazzjoni tal-profitabbiltà ta' l-industrija tal-Komunità fis-suq tal-Komunità, u għas-sitwazzjoni ekonomika dgħajfa kontinwa tagħha. L-argument, għalhekk mhuwiex aċċettat.
- (98) Kif intwera fil-premessa (93), l-industrija tal-Komunità tinsab bħalissa f'qagħda dgħajfa, b'mod partikolari fir-rigward tal-profitabbiltà li kontinwament baqgħet sejra ħażin, sa minn mindu kien hemm l-impożizzjoni tal-miżuri li qed jiġu hawn ikkunsidrati, għal sitwazzjoni fejn l-industrija kienet qed tagħmel it-telf matul l-IP u qed tesperjenza wkoll fluss ta' flus kontanti negattiv. Għalhekk, abbażi dan kollu, li kieku l-industrija tal-Komunità kienet esposta għal żieda fil-volumi ta' importazzjonijiet li joriġinaw fir-RPĊ bi prezzijiet *dumped*, dan jirriżulta f'deterjorazzjoni tal-qagħda finanzjarja diġà mdgħajfa tagħha u telf fis-sehem tas-suq tagħha. Abbażi ta' dan, huwa konkluż li, jekk il-miżuri jiskadu, dan iwassal għal kontinwazzjoni tal-ħsara għall-industrija tal-Komunità.

## F. INTERESS TAL-KOMUNITÀ

### 1. Kunsiderazzjonijiet ġenerali

- (99) Il-Kummissjoni eżaminat jekk iż-żamma tal-miżuri ta' *anti-dumping* fuq il-*glyphosate* jkunux fl-interess tal-Komunità. Instab li hemm probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' *dumping* li jikkawża danni. L-investigazzjoni kkunsidrat ukoll jekk kienx hemm jew le interessi aktar ta' prijorità kontra iż-żamma tal-miżuri u kkunsidrat l-effetti passati tad-dazji fuq l-interessi kollha varji involuti.
- (100) Għandu jiġi mfakkar li, fl-investigazzjoni oriġinali, l-adozzjoni tal-miżuri ma tqisix li tmur kontra l-interess tal-Komunità. Billi din hija wkoll reviżjoni ta' skadenza, l-impatt tal-miżuri eżistenti, b'mod partikolari fuq l-utenti, il-konsumaturi u l-importaturi/formulaturi, kien ukoll eżaminat.

### 2. Interess ta' l-industrija tal-Komunità

- (101) Il-*glyphosate* li joriġina fir-RPĊ għadu offrut f'valuri CIF anqas mill-prezzijiet tal-bejgħ ta' bħalissa tal-produtturi tal-Komunità. Għalhekk, l-iskadenza tal-miżuri twassal biex jew il-*glyphosate* li joriġina fir-RPĊ jikseb sehem tas-suq fis-suq tal-Komunità għad-detriment tal-produtturi tal-Komunità, jew inkella l-industrija tal-Komunità jkollha tbaxxi aktar il-prezzijiet tal-bejgħ li diġà qed jonqsu sabiex iżomm is-sehem tas-suq u l-utilizzazzjoni tal-kapaċità. Fiż-żewġ xenarji l-industrija tal-Komunità ssofri telf minħabba l-iskadenza tal-miżuri.

- (102) Il-produtturi tal-Komunità qalu li l-miżuri ġew jew assorbiti mir-RPĊ jew evitati għal ħafna mill-perijodu ta' l-analiżi, b'hekk irriżulta li kellhom effett rimedjali limitat. L-assorbiment u s-*circumvention* permezz tal-Malasja u t-Tajwan ġew ikkonfermati u indirizzati bl-investigazzjonijiet ta' reviżjoni msemmijin fil-premessa (1) hawn fuq.
- (103) Diversi fornituri ta' materja prima u servizzi ġew minn jeddhom u qalu li huma jistennew tnaqqis fil-produzzjoni tal-Komunità li kieku l-miżuri kellhom jiskadu, u għaldaqstant tnaqqis fid-domanda għall-materja prima u s-servizzi tagħhom.
- (104) Minħabba dan t'hawn fuq, huwa kkunsidrat li, fin-nuqqas ta' miżuri ta' *anti-dumping* fuq l-importazzjonijiet tal-prodott konċernat mir-RPĊ, is-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità tiżien permezz ta' żieda fl-importazzjonijiet bi prezzijiet *dumped* mir-RPĊ li twassal għal żieda fit-telf finanzjarju. Filwaqt li l-importazzjonijiet mir-RPĊ waqgħu matul il-perijodu analizzat, għandu jiġi enfasizzat li l-*glyphosate* jista' jitqies bħala prodott prinċipali. F'dawn iċ-ċirkostanzi, anke livell baxx ta' importazzjonijiet bi prezzijiet *dumped* jista' jkollu impatt detrimentali fuq l-industrija tal-Komunità. L-industrija tal-Komunità żiedet il-produzzjoni, il-volumi tal-bejgħ u s-sehem tas-suq matul il-perijodu analizzat imma b'detriment tal-profitti. Il-vijabbiltà essenzjali ta' l-industrija tkun mhedda fin-nuqqas ta' miżuri li jeliminaw id-*dumping* li jikkawża ħsara.

### 3. Interest ta' importaturi/formulatori mhux relatati

- (105) Billi l-parti l-kbira ta' l-importazzjonijiet ta' *glyphosate* li joriġinaw fir-RPĊ għal għol-Komunità huma fil-forma ta' aċidu jew melħ u jinbiegħ mill-ġdid f'forma fformulata, l-industrija li tifformula tinsab għalhekk imħassba b'dan il-proċediment. Xi wħud minn dawn l-importaturi indikaw li, filwaqt li bħalissa jimportaw biss kwantitajiet minimi ta' *glyphosate* mir-RPĊ, se jibdew mill-ġdid l-importazzjonijiet mir-RPĊ fin-nuqqas tal-miżuri.

- (106) Importatur/formulatur wieħed ikkoopera bis-sħiħ mal-Kummissjoni. Huwa ppreżenta sottomissjoni li fiha huwa spjega l-qagħda tiegħu kontra miżuri minħabba li kull żieda fil-prezz ta' l-*input* prinċipali tnaqqas il-marġini ta' profitt tiegħu mill-*glyphosate* fformulat. Numru ta' formulaturi li bħalissa mhux qed jimportaw aċidu ta' *glyphosate* li joriġinaw fir-RPĊ bħala riżultat tal-miżuri eżistenti qalu li jekk il-miżuri jiskadu, huma se jibdew jixtru mill-ġdid il-prodott mir-RPĊ. Billi nstab li ħafna mill-importaturi/formulaturi jinnegozjaw f'firxa wiesgħa ta' prodotti minbarra l-*glyphosate*, huwa kkunsidrat li, anke jekk il-miżuri jkollhom l-effett li jillimita it-tnaqqis fil-prezzijiet ta' l-aċidu ta' *glyphosate*, l-impatt tal-miżuri fuq in-negozju globali ta' dawn il-kumpanniji jkun wieħed limitat.
- (107) L-importaturi/formulaturi jistennew li t-tneħħija tal-miżuri jwasslu għal prezzijiet aktar baxxi għall-*glyphosate* tagħhom fis-suq tal-Komunità, b'hekk tħallihom jespandu s-sehem tas-suq tagħhom b'detriment tal-produtturi tal-Komunità. Madankollu, il-benefiċċju finanzjarju minn dan se jkun limitat, billi l-importaturi/formulaturi se jkunu sfurzati jgħaddu l-biċċa l-kbira tat-tnaqqis fl-ispiża tagħhom lill-klijenti tagħhom minħabba l-kompetizzjoni minn formulaturi oħra li jkunu jimpurtaw ukoll il-*glyphosate* li joriġina fir-RPĊ. Barra minn hekk, l-importaturi/formulaturi m'għandhomx jakkwistaw vantaġġ permezz tad-*dumping* billi dan joħloq żbilanċ fil-konfront tal-kompetituri l-oħra, jiġifieri l-industrija tal-Komunità.
- (108) Għar-raġunijiet hawn fuq imsemmijin, jitqies li l-benefiċċji mogħtija lill-industrija tal-Komunità li jirriżultaw miż-żamma tal-miżuri se jkunu akbar minn kull impatt negattiv marġinali li jista' jirriżulta għall-importaturi/formulaturi konċernati.

#### 4. Interess tad-distributuri u konsumaturi

- (109) Il-Kummissjoni rċeviet sottomissjoni minn assoċjazzjoni li tirrappreżenta d-distributuri u l-utenti ta' agrokimiċi fl-UE. Din l-assoċjazzjoni ressqet numru ta' allegazzjonijiet rigward l-imġiba tal-produtturi tal-Komunità fis-suq tal-Komunità għad-detriment tad-distributuri indipendenti ta' agrokimiċi.
- (110) Din l-assoċjazzjoni u importatur/formulatur qalu li s-suq tal-Komunità huwa protett sew kontra l-importazzjonijiet permezz ta' barrieri regolatorji, jiġifieri d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KE tal-15 ta' Lulju 1991 dwar it-tqegħid ta' prodotti ta' protezzjoni ta' pjanti fis-suq<sup>1</sup>, b'hekk m'hemmx għalfejn li l-miżuri jibqgħu fis-seħħ. Din id-dikjarazzjoni ġiet irrepetuta mill-assoċjazzjoni wara l-komunikazzjoni tas-sejbiet. Għandu jkun innutat li din id-Direttiva m'għandhiex x'taqsam mad-difiża tan-negozju, imma aktar ma' kwistjonijiet ta' sigurtà ambjentali. Madankollu ġie argumentat li l-akkwist ta' l-informazzjoni meħtieġa għar-reġistrazzjoni ta' *glyphosate* huwa kemm għali kif ukoll irid il-ħin u jaġixxi bħala deterrent għall-importaturi/formulaturi milli jimpurtaw il-*glyphosate* minn pajjiżi terzi. Madankollu, fil-prattika dan ma jidhirx li huwa xi limitazzjoni stretta billi numru ta' importaturi/formulaturi rnexxielhom jakkwistaw reġistrazzjoni skond id-Direttiva 91/414/KE. Barra minn hekk, l-importatur/formulatur li kkoopera qal li huma jimpurtaw *glyphosate* li joriġina mir-RPĊ jekk il-miżuri jitneħħew. Għalhekk, huwa kkunsidrat li d-Direttiva 91/414/KE ma tagħlaqx is-suq tal-Komunità għall-importazzjonijiet ta' *glyphosate* mir-RPĊ.

---

<sup>1</sup> ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/71/KE (ĠU L 127, 29.4.2004, p. 104).

- (111) L-assoċjazzjoni qalet ukoll li prezzijiet baxxi ta' prodotti fformulati standard "ġeneriċi" prodotti minn formulaturi abbażi ta' aċidu jew melħ manufatturati minn ċertu produttur tal-Komunità huma kkompensati bi prezzijiet għoljin ta' prodotti ekwivalenti "tad-ditta" mibjugħa mill-istess produttur. Ġie ddikkjarat li dawn il-prodotti "ġeneriċi" bi prezz baxx jaġixxu ta' deterrent għad-dħul ta' produtturi oħra, inklużi l-importazzjonijiet ta' *glyphosate* li joriġinaw fir-RPĊ, lejn is-suq tal-Komunità. Filwaqt li kien ikkonfermat li l-l-formulaturi jixtru aċidu u/jew melħ minn dan il-produttur tal-Komunità bi prezzijiet baxxi, ma jistax jintqal li l-produttur tal-Komunità kien f'qagħda li jġib prezzijiet għoljin għall-prodotti fformulati. Kif imsemmi fil-premessa (75) hawn fuq, il-produtturi tal-Komunità, inkluż il-produttur konċernat, kienu qed ibiġġu l-prodotti formulati standard tagħhom (li huma prodotti tad-ditta) b'telf matul il-perijodu ta' l-analiżi, li jagħmel id-dikjarazzjoni li huma jkunu f'qagħda li jakkwistaw prezzijiet għoljin għall-prodotti "tad-ditta" implawsibbli.

- (112) Din l-assoċjazzjoni ddikjarat ukoll li żewġ produtturi tal-Komunità joperaw kartell fil-Komunità minħabba li wieħed minnhom jidher li jillimita s-sehem tas-suq tiegħu fil-Komunità filwaqt li huma jistgħu jfornu sehem ħafna akbar tas-suq tal-Komunità. F'dan ir-rigward, għandu jkun innutat li l-evidenza ppreżentata biex issaħħaħ id-dikjarazzjoni ma kinitx konklussiva, minħabba li l-fatturi, minbarra l-eżistenza ta' kartell, setgħu jispjegaw il-limitazzjoni allegata tas-sehem tas-suq mill-produttur tal-Komunità. L-ewwel xejn, għandu jkun irrimarkat li s-sehem tas-suq mhux biss tal-produttur konċernat imma wkoll ta' produtturi oħra ma varjax sostanzjalment matul il-perijodu ta' l-analiżi. It-tieni, il-bejgħ fis-swieq ta' l-esportazzjoni jista' jsir bi prezzijiet oġhla, u allura l-fatt li l-kumpannija ma bieghetx aktar fil-Komunità għall-kuntrarju ta' barra mill-Komunità jista' possibbilment jiġi spjegat minn fatturi oħra bħal, per eżempju l-isforzi tal-kumpannija nnifisha biex tilħaq il-massimu tad-dħul mis-swieq ta' l-esportazzjoni li kienu aktar profitabbli mis-suq tal-Komunità. Barra minn hekk, il-produzzjoni ta' l-industrija tal-Komunità hija ikbar b' mod sinifikanti mill-konsum fil-Komunità u, allura, huwa importanti ekonomikament għall-produtturi kollha tal-Komunità li jesportaw il-*glyphosate* lil terzi pajjiżi sabiex jilhqutilizzazzjoni ta' kapaċità għolja sabiex jassorbu bis-sħiħ l-ispejjeż fissi tagħhom. F'dan il-kuntest, fil-preżent m'hemmx evidenza biżżejjed biex jiġi konkluż li jeżisti kartell, li jinvolvi l-limitazzjoni għal t'apposta ta' kwantitajiet mogħtija lis-suq tal-Komunità għadetriment tal-konsumaturi. Finalment, il-kwistjoni ta' jekk jeżistix kartell jew le hija kwistjoni li għandha tiġi indirizzata fil-kuntest ta' investigazzjoni ta' l-*anti-trust*. Madankollu, l-ebda proċedura ta' l-*anti-trust* ma ġiet mibdija, sal-lum, mill-Kummissjoni fuq din il-kwistjoni.
- (113) Min-naħa l-oħra, ma kien hemm l-ebda indikazzjoni dwar l-effetti negattivi possibbli tal-kontinwazzjoni tal-miżuri ta' l-*anti-dumping* fir-rigward tad-distributuri ta' *glyphosate*.

- (114) Fir-rigward tal-konsumaturi tal-prodott, dawn huma essenzjalment bdiewa. Tnaqqis fil-prezz ta' *glyphosate* jkollu effett minimu fuq il-profitabbiltà billi dan huwa biss partita relattivament minuri fl-ispiża globali tat-tkabbir ta' l-uċuh. Kien stabbilit li l-iskadenza tal-miżuri twassal għal titjib fil-marġini tal-profitt tal-bdiewa li jkun fil-livell ta' 0,1 %.
- (115) Għar-raġunijiet hawn fuq imsemmijin, jitqies li kull benefiċċju mogħti lill-industrija tal-Komunità li jirriżulta miż-żamma tal-miżuri jkun akbar sew mill-impatt negattiv marġinali li jista' jirriżulta għad-distributuri u l-konsumaturi konċernati.

##### **5. Konklużjoni dwar l-interess tal-Komunità**

- (116) Jekk il-miżura eżistenti tiskadi, hu mistenni li l-industrija tal-Komunità ssofri telf sinifikanti minħabba tnaqqis fil-prezz fis-suq tal-Komunità, li jew iwassal għal telf tas-sehem tas-suq kontra żieda fl-importazzjonijiet li joriġinaw fir-RPĊ jew għal aktar deterjorament tal-prezzijiet tal-bejgħ tagħhom fil-każ li jippruvaw iżommu s-sehem tas-suq tagħhom. L-importaturi/formulaturi jistgħu jibbenefikaw mis-sehem tas-suq li qed jikber minħabba forniment irħas ta' *glyphosate* li joriġina fir-RPĊ, imma, meta mqabbel mat-telf li tkun għamlet l-industrija tal-Komunità, l-effett ekonomiku ta' dan għall-importaturi/formulaturi jkun minuri minħabba l-ħtieġa li t-tnaqqis fil-prezz jingħadda lill-klijenti tagħhom. Ma kien hemm l-ebda indikazzjoni fir-rigward ta' effetti negattivi possibbli tal-kontinwazzjoni tal-miżuri *anti-dumping* fir-rigward tad-distributuri ta' *glyphosate*. Għall-utenti, minkejja li b'xi mod dawn jistgħu jibbenefikaw minn prezzijiet aktar baxxi li kieku l-miżuri kellhom jitneħħew, dan mhux se jkollu effett sinifikanti fuq il-marġini ta' profitt tagħhom jew, konsegwentament, fuq l-attività tagħhom.

- (117) Wara li wieħed jżen l-interessi tad-diversi partijiet involuti, il-Kummissjoni tikkonkludi li m'hemmx raġuni ta' importanza kbira ta' interess Komunitarju kontra l-kontinwazzjoni ta' miżuri.

### Ġ. DAZJI PROPOSTI

- (118) It-tip tal-prodott użat bħala referenza biex tiġi stabbilita r-rata tad-dazju kien l-aċidu ta' *glyphosate* minħabba li huwa l-bażi komuni tal-forom kollha ta' *glyphosate* esportati mir-RPĊ u prodotti fil-Komunità. Instab li l-aċidu jammonta għal 55 % ta' l-ispejjeż tal-produzzjoni tal-kwantità ekwivalenti ta' prodott formulat 360 standard. Barra minn hekk, il-forma ta' l-aċidu rrappreżenta aktar minn 90 % tal-volum importat mir-RPĊ matul il-perijodu ta' investigazzjoni. Għalhekk jitqies li d-dazju stabbilit skond id-*data* li tirrigwarda l-aċidu ta' *glyphosate* jkun rrappreżentattiv tal-forom differenti kollha ta' *glyphosate* importat mir-RPĊ.
- (119) Għall-finijiet li tiġi kkalkulata ż-żieda fil-prezz meħtieġa sabiex jitneħħew l-effetti dannużi tad-*dumping*, tqies xieraq li jiġu mqabbla l-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet *dumped* ma' l-ispejjeż tal-produzzjoni ta' l-aċidu ta' *glyphosate* ta' l-industrija tal-Komunità miżjuda b'ammont biżżejjed biex jintlaħaq livell raġonevoli ta' profitt. Il-Kummissjoni kienet tal-fehma li marġini ta' profitt ta' 5 % rrappreżenta profitt raġonevoli billi l-aċidu ta' *glyphosate* huwa prodott prinċipali, teoretikament mibjugħ fi kwantitajiet kbar lil klijenti intermedji li jassorbu l-ispiża addizzjonali tal-formulazzjoni qabel ma jbigħuh fis-suq lill-utenti fl-aħħar tal-katina, kif ikkunsidrat diġà fl-investigazzjoni oriġinali.
- (120) Skond dan, il-medja peżata tal-prezzijiet ta' l-esportazzjoni għal dan it-tip ta' prodott għall-IP, fuq il-livell tal-fruntiera tal-Komunità CIF, ġiet imqabbla ma' l-ispiża totali medja peżeta tal-produzzjoni tal-produtturi tal-Komunità, miżjuda biex tagħti marġini ta' profitt ta' 5 %. Dan il-paragun wera marġini ta' qtugħ fil-prezz ta' 80 %.

(121) Billi l-marġini ta' ħsara huwa ogħla mill-marġini ta' *dumping* misjub, id-dazji ta' l-*anti-dumping* għandhom ikunu bbażati fuq il-marġini ta' *dumping* skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku.

(122) Minħabba s-sejbiet hawn fuq, jitqies xieraq li d-dazji *anti-dumping* imposti bil-miżuri oriġinali għandhom jiġu stabbiliti fil-livell imsemmi hawn isfel:

Pajjiż	Kumpannija	Rata ta' dazju AD
Ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina	Il-produtturi esportaturi kollha	29,9 %

(123) Id-dazju *anti-dumping* fis-seħħ fir-rigward ta' *glyphosate* ġie estiż bir-Regolament (KE) Nru 163/2002 biex ikopri, ukoll, l-importazzjonijiet ta' *glyphosate* kkunsinnati mill-Malasja u t-Tajwan, kemm jekk iddikjarati bħala li joriġinaw fil-Malasja jew fit-Tajwan kif ukoll jekk le. Bħala konsegwenza tal-fatt li d-dazju ta' l-*anti-dumping*, kif ikkalkulat f' din ir-reviżjoni, jissostitwixxi d-dazju fis-seħħ, id-dazju ta' l-*anti-dumping* li għandu japplika għall-importazzjonijiet tal-prodott konċernat, kif stabbilit fil-premessa (122) hawn fuq, għandu jiġi estiż għal importazzjonijiet ta' *glyphosate* kkunsinnati mill-Malasja u t-Tajwan, kemm jekk iddikjarati bħala li joriġinaw fil-Malasja jew fit-Tajwan kif ukoll jekk le. Iż-żewġ produtturi esportaturi li kienu eżentati mill-miżuri kif estiżi bir-Regolament (KE) Nru 163/2002 għandhom ikunu eżentati wkoll mill-miżuri kif imposti b'dan ir-Regolament.

(124) Skond l-Artikolu 20 tar-Regolament bażiku dwar l-*anti-dumping*, il-partijiet kollha konċernati ġew infurmati bil-fatti essenzjali u bil-kunsiderazzjonijiet li abbażi tagħhom kien maħsub li jiġi propost il-livell tal-miżuri eżistenti. Ingħataw ukoll perijodu li fih kellhom jagħmlu s-sottomissjonijiet sussegwenti ta' dik il-komunikazzjoni. Il-kummenti rċevuti ġew ikkunsidrati.

(125) Minn dan t'hawn fuq isegwi li, skond is-sejbiet ta' l-investigazzjonijiet tar-reviżjoni, id-dazji *anti-dumping* imposti bir-Regolament (KE) Nru 368/98, għandhom jitbaxxew għal 29,9 % imfissra bħala perċentwali tal-prezz nett liberu fil-fruntiera tal-Komunità qabel id-dazju,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Qed jiġi impost dazju definittiv ta' l-*anti-dumping* fuq importazzjonijiet ta' *glyphosate* li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM ex 2931 00 95 (Kodiċi TARIC 2931 00 95 82) u ex 3808 30 27 (Kodiċi TARIC 3808 30 27 19) li joriġinaw fir-Repubblika Popolari ta' Ċina.
2. Id-dazju definittiv ta' l-*anti-dumping* imsemmi fil-paragrafu 1 qed jiġi hawnhekk estiż għal importazzjonijiet ta' *glyphosate* kkunsinnati mill-Malasja (kemm jekk iddikjarati bħala li joriġinaw fil-Malasja kif ukoll jekk le) (Kodiċi TARIC 2931 00 95 81 u 3808 30 27 11) bl-eċċezzjoni ta' dawk prodotti minn Crop Protection (M) Sdn. Bhd., Lot 746, Jalan Haji Sirat 4 1/2 Miles, off Jalan Kapar, 42100 Klang, Selangor Darul Ehsan, il-Malasja (Kodiċi addizzjonali TARIC A309).
3. Id-dazju definittiv ta' l-*anti-dumping* imsemmi fil-paragrafu 1 qed jiġi hawnhekk estiż għal importazzjonijiet ta' *glyphosate* kkunsinnati mit-Tajwan (kemm jekk iddikjarati bħala li joriġinaw fit-Tajwan kif ukoll jekk le) (Kodiċi TARIC 2931 00 95 81 u 3808 30 27 11) bl-eċċezzjoni ta' dawk prodotti minn Sinon Corporation, No. 23, Sec. 1, Mei Chuan W. Rd, Taichung, it-Tajwan (Kodiċi addizzjonali TARIC A310).

4. Ir-rata ta' dazju applikabbli għall-prezz nett li hu liberu fil-fruntiera tal-Komunità, qabel id-dazju, tal-prodotti deskritti fil-paragrafi 1 sa 3, għandha tkun 29,9 %.
5. Sakemm jiġi speċifikat mod ieħor, id-dispozzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji tad-dwana għandhom japplikaw.

#### *Artikolu 2*

Id-dazji ta' l-*anti-dumping* għandhom ikunu imposti għal perijodu ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

#### *Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 24 ta' Settembru 2004.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

L. J. BRINKHORST